**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, it-Tlieta, 27 t' April 2021**

**Rikors Guramentat numru 40/2016BS**

**Carmelo Attard u Angela Spiteri**

**vs**

**Theodora sive Doris Curmi mart George Curmi u l-istess zewgha George Curmi ghal kull interess li jista' jkollu. Theodora sive Doris Curmi oltre f'isimha proprju wkoll bhala kuratur deputat ta' hutha msifrin John Attard, Paul Attard, u Maria Xuereb nominata b'digriet tas-27 ta' Novembru 2015**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors guramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap 12 fejn l-atturi ppremettew:**

Premess illi il-kontendenti ad eccezzjoni tal-konvenut George Curmi, huma wlied Saverio Attard u Rita nee' Xiberras;

Premess illi Saverio Attard miet f'Victoria, Ghawdex, fit-tletin (30) ta' April elfejn u tlettax (2013), u rregola s-successjoni tieghu permezz ta' hames testmenti, wiehed *unica charta* li kien ghamel flimkien ma' martu Rita Attard fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-erbatax (14) ta' Gunju elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), u erbgha testmenti ohra ghamilhom wahdu, tnejn minnhom saru fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tad-disgha (9) ta' April elfejn u hdax (2011) u iehor fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011), u tnejn ohra saru fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tat-tmienja (8) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) u l-iehor sar fil-hamsa

u ghoxrin (25) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013). Permezz tat-testment *unica charta* Saverio Attard innomina lis-sitt uliedu werrieta universali tieghu filwaqt li bl-erbgha testmenti l-ohra huwa halla b'legati favur bintu Doris Curmi u zewgha George Curmi erbgha bicciet art tal-izvilupp f'*Ta Pacokk* sive *Ta' Gokk* fix-Xewkija u favur bintu ohra Maria Xuereb bicca art ohra tal-izvilupp mill-istess art *Ta' Pacokk* sive *Ta' Gokk* fix-Xewkija;

Premess illi Rita Attard mietet f'Victoria, Ghawdex, fid-disa' u ghoxrin (29) ta' Marzu elfejn u hmistax (2015), u rregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru elfejn u tnax (2012), li permezz tieghu nnominat lis-sitt uliedha kontendenti fil-kawza werrieta universali taghha;

Premess illi r-rikorrenti filwaqt li accettaw il-wirt ta' ommhom Rita Attard huma ddecidew li ma jaccettawx il-wirt ta' missierhom Saverio Attard u jiehdu minflok is-sehem rizervat spettanti lilhom skont il-ligi mill-wirt tieghu, u ghalhekk ipprezentaw nota ta' rinunzja tal-istess wirt fit-tnax (12) ta' Novembru 2015, u zammew ferm il-pretensjonijiet legittimarji taghhom.

**Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1. Tillikwida u tiffirma l-beni gia' formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Saverio Attard u Rita Attard (nee' Xiberras) billi l-istess akkwisti jigu dikjarati mill-Qorti li jikkonsistu f'dawk l-assi u sustanzi li jirrizultaw waqt il-kawza u tigi konsegwentement maqsuma f'zewg porzjonijiet indaqs, u porzjon minnhom jigi assenjat lill-assi partikolari ta' Saverio Attard u l-porzjon l-iehor jigi assenjat lill-assi partikolari ta' Rita Attard;

2. Tillikwida u tiffirma l-assi partikolari ta' Saverio Attard billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u f'dawk l-assi u sustanzi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tillikwida s-sehem rizervat lill-atturi Carmelo Attard u Angela Spiteri mill-assi ereditarji ta' missierhom Saverio Attard;

4. Tikkundanna lill-konvenuti Theodora sive Doris Curmi u lil hutha John Attard, Paul Attard, u Maria Xuereb kif rapprezentati biex jassenjaw lill-atturi s-sehem rizervat hekk likwidat favur taghhom, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ftuh tas-successjoni ta' Saverio Attard sal-effettiv hlas tal-istess;

5. Tillikwida u tiffirma l-assi partikolari ta' Rita Attard billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u f'dawk l-assi u sustanzi parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u taqsmu f'sitt porzjonijiet ugwali u tassenjahom parti minn sitta (1/6) kull wiehed lill-atturi u lill-konvenuti ahwa Attard;

6. Tinnomina Nutar pubbliku biex jidher fuq il-kuntratt ta' qasma u assenjazzjoni u hlas tas-sehem rizervat, u tahtar kuratur/i deputat/i sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Fil-kaz li l-proprjeta' in divizjoni tirrizulta li mhix komodament divizibbli bejn il-kontendenti ahwa Attard tordna l-bejgh taghha in licitazzjoni b'dak il-prezz jew valur li jigi determinat minn perit nominand, u bl-intervent tal-oblaturi estranei.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-12 ta' Novembru 2015 (ittra numri 740/2015).

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin.

**Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha u cioe ta' Theodora sive Doris Curmi, kemm f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratur deputat fl-interess ta' hutha msefrin John Attard, Paul Attard u Maria Xuereb; u George Curmi fejn Theodoro sive Doris Curmi bil-gurament taghha kkonfermat u ddikjarat:**

1. Illi preliminarjament, il-konvenut George Curmi huwa estranju ghal din il-vertenza gialadarba huwa mhux werriet ta' Saverio Attard, u anqas ma huwa werriet ta' Rita Attard; u gialadarba wkoll talbiet ta' din l-ghamla kellhom ikunu diretti biss lejn il-werrieta tal-istess Saverio u

Rita Attard. Konsegwentement huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;

2. Illi fil-mertu mbaghad, u minghajr pregudizzju ghal dak premess, l-esponenti mhux qed jopponu u fil-fatt qatt ma opponew id-divizjoni tal-assi ereditarji ta' Rita Attard, b'dan illi l-ewwel u qabel xejn ghandhom jigu korrettement individwati u identifikati l-assi illi jikkomponu l-massa ereditarja taghha u dak illi ghandu jmiss lil kull wiehed u wahda mill-kondividenti;

3. Illi fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti dejjem kienu disposti illi jiddiskutu u jilhqu kompromess dwar il-hlas tas-sehem riservat dovut lill-atturi mill-wirt ta' Saverio Attard; b'dan illi sabiex jigi stabbilit l-*quantum* relattiv ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni mhux biss il-prezzijiet ta' fuq is-suq in kwantu dan jikkoncerna l-proprjeta immobbli li trid tigi kkunsidrata, izda wkoll id-diversi hlasijiet illi kienu saru minn Saverio Attard jew minn terzi bi flus l-istess Saverio Attard; oltre spejjez ohra; haga illi l-atturi ma jidhirx illi kienu disposti jikkunsidraw;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ukoll, it-talba tal-atturi ghall-hlas ta' l-imghaxx fuq is-sehem riservat b'effett mid-data tal-ftuh tas-successjoni ta' Saverio Attard hija infondata fil-fatt u fid-dritt gialadarba l-ittra ufficjali relattiva saret wara t-trapass ta' sentejn mid-data tal-mewt tal-istess Saverio Attard; u dan kollu fit-termini tal-Artikolu 615(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi, illi huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2016 il-Qorti diversament presjeduta, nnominat lill-Perit Joseph Grech sabiex jaghmel valutazzjoni tal-proprjeta' immobbli hekk kif din tinsab indikata fl-affidavit tar-rikorrenti a fol. 80 u 81 tal-process.

Rat li din il-kawza giet assenjata lilha wara li kienu ngabru l-provi kollha u kienet thalliet ghas-sentenza finali minn din il-Qorti diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali bil-fomm wara li l-partijiet inghataw il-fakolta li jittrattaw il-kaz quddiem din il-Qorti kif prezentement preseduta.

Rat l-atti u x-xhieda kollha.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat**

**Kronologija tal-Fatti**

Ecetto ghal George Curmi, il-partjiet f'din il-kawza u cioe Carmelo, Angela, Doris, John, Paul u Maria ahwa Curmi, huma lkoll ahwa u ulied il-mejtin Saverio u Rita konjugi Attard. Saverio Attard gie nieqes fit-30 ta' April 2013[1] waqt illi Rita Attard giet nieqsa fid-29 ta' Marzu 2015[2].

Illi jirrizulta illi Saverio u Rita konjugi Attard irregolaw il-wirt taghhom b'testment unica charta tal-14 ta' Gunju 1985 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, li bih innominaw u istitwew bhala eredi universali tal-beni kollha taghhom lis-sitt uliedhom fi kwoti ndaqs bejniethom[3].

Saverio Attard irregola ulterjorment is-successjoni tieghu b'erba' (4) testmenti li ghamel wahdu.

B'testment tad-9 ta' April 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, Saverio Attard, waqt li kkonferma d-dispozizzjonijiet testamentraji minnu maghmulha precedentement, halla b'titolu ta' legat favur George Curmi u b'titolu ta' prelegat favur Theodora sive Doris mart George Curmi u bint it-testatur, porzjon diviza mill-art imsejjha Ta' Pacokk sive Ta' Gokk, fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn u tnejn u tmenin metri kwadri (282m.k.) u tmiss mill-majjistral ma' Triq ta' Gokk, lvant in parti ma' beni tal-familja Cauchi u in parti ma' beni ta' Pio sive Pinu Bugeja, u punent ma' beni ohra tat-testatur, kif ahjar murija bl-ittra

[1] Dok. A a fol. 6 tal-process.
[2] Dok. L a fol. 39 tal-process.
[3] Dok. D a fol. 16 et seq. tal-process.

"A" fuq il-pjanta u *site-plan* annessi mal-istess testment[4]. It-testatur iddikjara illi dan il-legat u prelegat thalla b'kumpens ghas-servigi rezi lilu minn George u martu Doris Curmi.

B'testment tal-20 ta' Dicembru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, Saverio Attard halla b'titolu ta' legat favur George Curmi u b'titolu ta' prelegat favur Theodora sive Doris mart George Curmi u bint it-testatur, porzjon diviza mill-art imsejjha Ta' Pacokk sive Ta' Gokk, fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn u tnejn u tmenin metri kwadri (282m.k.) u tmiss mill-majjistral ma' Triq ta' Gokk, grigal in parti ma' beni tat-testatur u in parti ma' beni ta' Pio sive Pinu Bugeja, u lbic ma' beni ohra tat-testatur, kif ahjar murija bl-ittra "B" fuq il-pjanta u site-plan annessi mal-istess testment[5]. It-testatur iddikjara illi dan il-legat u prelegat thalla b'kumpens ghas-servigi rezi lilu minn George u martu Doris Curmi.

B'testment tat-8 ta' Mejju 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo Saverio Attard, halla b'titolu ta' prelegat lill-bintu Doris u zewgha George Curmi, it-tlett porzjonijiet art fix-Xewkija, Ghawdex[6]. Dawn gew indikati bl-ahmar fuq il-pjanti annessi mal-istess testment. It-testatur iddikjara illi dan il-prelegat thalla bhala hlas ta' kuri, servigi u assistenzi rezi lilu minn George u martu Doris Curmi.

B'testment tal-25 ta' Jannar 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo, Saverio Attard hassar, annulla u r-revoka t-testment tieghu tat-8 ta' Mejju 2012 waqt illi kkonferma t-testmenti precedenti tieghu. Permezz ta' dan it-testment, Saverio Attard halla b'titolu ta' prelegat lill-bintu Doris u zewgha George Curmi, iz-zewg porzjonijiet art fix-Xewkija, Ghawdex[7]. Dawn gew immarkati bl-ittri 'C' u 'D' u bil-kulur ahmar fuq il-pjanti annessi mal-istess testment. It-testatur iddikjara illi dan il-prelegat thalla bhala hlas ta' kuri, servigi u assistenzi rezi lilu minn George u martu Doris Curmi. Permezz tal-istess testament, Saverio Attard halla wkoll b'titolu ta' prelegat lill-bintu Maria armla minn Mario Xuereb, porzjon art fix-Xewkija, Ghawdex. Din tinsab immarkata bl-ittra "E" u bil-kulur blu fuq il-pjanta annessa mal-istess testment. Dan il-laxxitu thalla bil-patt u l-kondizzjoni li bintu Maria tipprestalu kuri, servigi u assistenza matul hajtu.

[4] Dok. E a fol. 17 et seq. tal-process.
[5] Dok. F a fol. 22 et seq. tal-process.
[6] Dok. G a fol. 24 et seq. tal-process
[7] Dok. H a fol. 29 et seq. tal-process

Mir-ricerki testamentarji jirrizulta illi Saverio Attard ma halla ebda testment sigriet[8].

Il-wirt ta' Saverio Attard gie ddikjarat permezz ta' dikjarazzjoni causa mortis tat-23 ta' Awissu 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo[9].

B'nota tat-12 ta' Novembru 2015 Carmel Attard irrinunzja ghall-wirt ta' missieru Saverio Attard filwaqt li zamm ferm id-dritt tieghu ghas-sehem rizervat skont il-ligi[10].

B'nota tat-12 ta' Novembru 2015 Angela Spiteri rrinunzja ghall-wirt ta' missierha Saverio Attard filwaqt li zammet fermid-dritt taghha ghas-sehem rizervat skont il-ligi[11].

In kwantu jirrigwarda l-wirt ta' Rita Attard, jirrizulta illi oltre ghat-testment unica charta li ghamlet flimkien ma' zewgha Saverio Attard, hija rregolat ulterjorment is-successjoni taghha b'testment tat-22 ta' Novembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Cauchi[12]. Permezz ta' dan it-testment Rita Attard irrevokat u annullat kull dispozizzjoni testamentarja li ghamlet precedentement. In oltre, waqt illi halliet b'titolu ta' legat favur zewgha Saverio Attard l-uzu u l-uzufrutt generali tal-beni kollha taghha, halliet b'titolu ta' prelegat f'assoluta proprjeta' favur Carmel Attard il-fond numru tlieta (3) u erbgha (4) fi Triq Keraba, Junction numru wiehed (1), Xewkija, Ghawdex. Dan il-laxittu sar taht kondizzjoni illi Carmelo Attard jew xi membru iehor tal-familja immedjata tieghu jipprestaw lit-testatrici servigi, kura u assistenza sal-gurnata tal-mewt taghha. It-testatrici nnominat lill-uliedha kollha bhala eredi universali taghha fi kwoti ndaqs bejniethom.

Mir-ricerki testamentarji jirrizulta illi Rita Attard m'ghamlet ebda testment sigriet[13].

B'dikjarazzjoni causa mortis tat-2 ta' Lulju 2015, l-ahwa Attard iddikjaraw il-wirt t'ommhom Rita Attard[14].

---

8 Dok. C a fol. 15 tal-process.
9 Dok. I a fol. 34 et seq. tal-process.
10 Dok. J a fol. 37 tal-process.
11 Dok. K a fol. 38 tal-process.
12 Dok. O a fol. 43 tal-process.
13 Dok. N a fol. 42 tal-process.
14 Dok. P a fol. 46 et seq. tal-process.

**Il-Mandat t'Inibizzjoni Numru 53/16JVC fl-ismijiet Carmelo Attard et vs Theodora sive Doris Curmi et**

Il-Qorti rat ukoll l-atti tal-imsemmi mandat. Minn dan l-inkartament processwali jirrizulta illi in kawtela tal-pretensjoni taghhom l-atturi talbu l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni fuq erbgha (4) porzjonijiet art fabrikabbli maghrufa bhala Ta' Pacokk sive 'Ta' Gokk', fix-Xewkija, Ghawdex, liema porzjonijiet ta' art gew immarkati bl-ittri 'A', 'B', 'C' u 'D' fuq il-pjanta hemm annessa.

L-intimati laqghu billi fl-ewwel lok ippremettew illi b'kuntratt tat-13 ta' Marzu 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo l-porzjon art immarkata bl-ittra 'A' giet trasferita b'att ta' donazzjoni favur Lyeann Sultana li hija bint l-intimati Curmi.

Konsegwentment ghal dak illi rrizulta mir-risposta tal-intimati, fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru 2016, l-atturi ddikjaraw illi kienu ser jillimitaw it-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat fuq il-*plots* immarkati bl-ittri 'B', 'C' u 'D'.

Rat id-digriet tal-15 ta' Dicembru 2016 fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta ddikjarat illi l-atturi ghandhom pretensjonijiet x'jikkawtelaw u ghalhekk laqghet it-talba ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni limitatament ghall-*plots* immarkati bl-ittra 'C' u 'D'.

**Atti Ohra**

B'rikors tat-12 ta' Frar 2008 fl-atti ta' din il-kawza, l-intimati talbu lil din il-Qorti tawtorizzahom ibieghu u jittrasferixxu l-*plot* immarkata bl-ittra 'D' u sussegwentment ir-rikavat kollu mill-bejgh jigi depozitat f'kont bankarju lokali sakemm tigi zbankata s-somma kollha f'isem l-atturi.

Rat ir-risposta tal-atturi fejn dawn esprimew it-thassib taghhom dwar il-fatt illi l-bejgh tal-art kien ser isir versu prezz li huwa inqas minn-nofs tal-valur tal-istess art kif stmat mill-perit tekniku.

Rat illi b'digriet tat-22 ta' Frar 2018 din il-Qorti diversament presjeduta laqghet iz-zewg talbiet kif dedotti fir-rikors tat-12 ta' Frar 2008 bil-kundizzjoni li jigi pprezentat abbozz tal-kuntratt ghall-approvazzjoni tal-Qorti kif ukoll bil-kondizzjoni li d-derivat kollu mill-bejgh jigi depozitat.

Il-mandat t'inibizzjoni bin-numru 53/16JVC inzamm in vigore fuq il-*plot* immarkata bl-ittra 'C'.

Rat illi fit-18 ta' Mejju 2018 l-Avukat Dottor Mario Scerri ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmel Attard u Angela Spiteri ircieva zewg cekkijiet fl-ammont ta' €62,500 kull wiehed minghand l-Avukat Dottor Damian Bigeni ghan-nom in rapprezentanza ta' George u Doris konjugi Curmi[15]. Dan il-hlas sar akkont tal-ammont dovut lil Carmel Attard u Angela Spiteri in linea ta' porzjon riservata mill-wirt u successjoni ta' missierhom Saverio Attard.

Rat ukoll illi b'digriet taghha tal-24 ta' Frar 2021 din il-Qorti cahdet it-talba tal-intimati kif tirrizulta mir-rikors taghhom tat-3 ta' Frar 2012 fejn talbu l-awtrizazzjoni ghall-bejgh tal-plot immarkata bl-ittra 'C'.

In oltre, rat illi l-plot immarkata bl-ittra 'B' giet trasferita b'att ta' donazzjoni tat-12 ta' Jannar 2017 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Bugeja favur Gabriella Galea li hija bint l-intimati Curmi[16]

**Provi**

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-inkartament processwali ta' din il-kawza huwa wiehed voluminuz konsistenti f'xhieda viva-voce, affidavits u dokumenti in sostenn tal-pozizzjonijiet rispettivi li hadu l-partijiet. Ghalhekk, il-Qorti sejra tissintettiza dawk il-provi illi l-aktar ghandhom rilevanza ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza.

**L-attur Carmel Attard**, permezz ta' affidavit[17] jghid illi minkejja l-eta` u xi kundizzjonijiet medici, il-genituri tieghu kienu baqghu jghixu u jfendu ghal rashom. Kien ghal habta t'Awwissu tas-sena 2010 illi habta u sabta l-intimata Doris Curmi kienet hadet lill-ommha tghix maghha. Sa dan it-tant il-missier thalla fid-dar tieghu wahdu sakemm ftit granet wara ingabar hu ukoll flimkien ma' martu ghand l-intimata Doris Curmi. Carmel Attard xehed illi ta' kuljum kien izur lill-genituri tieghu kemm meta kienu jghixu fid-dar taghhom kif ukoll meta dawn marru jghixu ghand ohtu Doris Curmi. Jinnota illi meta kien imur izur lill-genituri tieghu ghand ohtu hu

[15] Dok XYZ 1 u XYZ 2 a fol. 565 u 566 tal-process.
[16] Dok. CA2 a fol. 580 tal-process.
[17] A fol. 76 et seq. tal-process.

ma kienx fdat u waqt li jqatta' hin mal-genituri tieghu kien dejjem ikun mghasses minn ohtu Doris jew mir-ragel taghha George Curmi. Il-missier ma' kienx kuntent jghix ghand it-tifla tieghu Doris tant illi wara ftit taz-zmien mar jghix ghand l-attrici Angela Spiteri fejn dam jghix maghha ghal madwar sitt xhur. Gara pero illi Saverio Attard beda jhoss in-nuqqas tal-mara tieghu Rita Attard li sa dan it-tant kienet baqghet tghix ghand Doris Curmi u ghalhekk Salvatore Attard rega' mar lura ghand Doris Curmi. Kemm dam jghix ma' bintu Doris, Saverio Attard ghamel erbgha (4) testmenti li bihom halla legati remuneratorji favur l-intimati Curmi. Spjega illi skont ma' qaltlu ommu Rita Attard, Doris Curmi u zewgha George Curmi kien ta' spiss ikollhom argumenti bejniethom u ma' Saverio Attard. L-argumenti kienu jkunu fir-rigward ta' proprjeta` li l-intimati Curmi riedu li Saverio Attard jikteb favur taghhom. Peress illi ma kinitx kuntenta b'dak illi kien qieghed jigri, Rita Attard telqet mid-dar tal-intimata Curmi u ingabret fid-Dar Sant'Anna li hija residenza ghall-anzjani fejn baqghet tghix sakemm mietet fid-29 ta' Marzu 2015.

Carmel Attard xehed illi hu ma kienx jaf bit-testmenti li kien qieghed jaghmel missieru. Sar jaf b'dan wara li missieru gie nieqes. Spjega illi Saverio Attard kellu xi flus depozitati l-bank izda dawn il-flus ingibdu kollha matul iz-zmien illi missieru kien qieghed jghix mal-intimata Curmi li kellha prokura. L-attur jghid illi missieru kellu madwar sebghin elf ewro depozitati mal-Bank of Valletta plc. Il-maggior parti ta' dawn il-flus kienu gew ghand Saverio Attard b'wirt. L-attur qatt ma nghata sodisfazzjon dwar fejn marru l-flus ta' missieru.

Jghid ukoll illi missieru kien dejjem jghidlu li l-porzjonijiet art f'Ta' Gokk kellhom jinqasmu bejn l-ahwa.

**In kontro-ezami** xehed illi Doris u George Curmi kienu jiehdu lil Saverio Attard aktar ghand it-tabib[18]. Ikkonferma li hu kien igawdi minn relazzjoni ahjar ma' ommu milli ma missieru. Spjega illi kien hemm zmien fejn laqas seta' jitkellem ma' missieru ghax l-intimat Curmi kien ordna lill-attur biex ma jcempilx id-dar taghhom. Sa dan it-tant jghid illi ommu kienet diga rikoverata Sant'Anna u hu kien imur jitmaha darbtejn kuljum ghaliex ma kinitx tiekol mill-ikel li kienu jipprovdulha. Fl-ahhar ta' hajjitha jghid illi kien hemm ukoll zewg okkazjonijiet meta hasilha. Jghid illi ghal appuntamenti li ommu kien ikollha l-isptar Malta dawn kienu jaghmlu uzu

[18] A fol. 376 et seq. tal-process.

mis-servizz tal-vann tal-isptar izda hu kien jakkumpanjaha bhalma gieli wkoll akkumpanjatha ohtu Doris Curmi.

Jghid ukoll illi wara li ommu u missieru marru jghixu mal-intimata Curmi din waqfet mix-xoghol. Dak iz-zmien hu kien imur ta' kuljum ghand ohtu jara lill-genituri tieghu izda meta mbaghad ha lill-ommu fid-dar tal-anzjan huwa nghata struzzjonijiet biex ma jersaqx aktar ghand ohtu.

Spjega illi madwar sena wara li marret tghix Sant'Anna, ommu kienet qaltlu bil-legati favur ohtu Doris u r-ragel taghha George. Spjega illi ghalkemm jahseb li t-testmenti li ghamel missieru kienu forzati huwa qatt ma ha passi sabiex jattakka l-validita' ta' dawk it-testmenti. Zied jghid illi huwa ma baqax ikellem lil missieru matul l-ahhar sentejn ta' hajtu.

**Angela Spiteri** xehdet permezz t'affidavit[19]. Tghid illi sas-sena 2010 il-genituri taghhom kien ghadhom jghixu wahedhom u kienu totalment indipendenti. Fis-sena 2010 omm l-atturi bdiet tinfarag minghajr ebda raguni ta' xejn u minn hemm Doris Curmi qabdet lil ommha u hadítha tghix maghha. Ftit tal-granet wara Saverio Attard ukoll mar jghix ghand bintu Doris Curmi. Gara li Saverio Attard u l-intimata Curmi beda jkollhom xi argumenti u ghalhekk f'Awwissu tas-sena 2010 Saverio Attard mar jghix ghand bintu Angela Spiteri waqt illi Rita Attard baqghet tghix flimkien ma' bintha Doris Curmi. Saverio Attard dam sa Marzu tas-sena 2011 jghix ghand Angela Spiteri sakemm imbaghad rega mar lura ghand bintu l-ohra, l-intimata Curmi. Matul iz-zmien li Saverio Attard kien qieghed jghix ma' Angela Spiteri, il-pensjoni tieghu kienet tinqasam bejn Angela Spiteri u Doris Curmi peress illi kull wahda minn dawn kienet qeghda tieghu hsieb wiehed mill-genituri taghhom.
Tghid illi Saverio Attard kellu diversi depoziti l-bank izda dawn kollha ngibdu mill-intimata Curmi fiz-zmien meta Saverio u Rita Attard kienu qeghdin jghixu maghha. Rita Attard damet tghix ma' Doris Curmi ghal madwar seba' (7) xhur sakemm ingabret fid-dar residenzjali Sant'Anna. Saverio Attard dam jghix ghand Doris Curmi minn Marzu 2011 sa kemm gie nieqes f'April 2013 u matul dan il-perjodu ghamel erba' (4) testmenti.

**In kontro-ezami** tghid illi sas-sena 2010 ommha u missierha kienu ghadhom indipendenti[20]. Meta ommhom bdiet tinfarag ta' spiss, din

[19] A fol. 100 tal-process.
[20] A fol. 418 et. seq tal-process.

ingabret mal-intimata Curmi li da parti taghha telqet mix-xoghol sabiex tiehu hsieb ommha u missierha.

Ziedet tghid illi wara li missierha ghamel madwar seba' xhur jghix maghha dan ghazel li jerga jmur jghix mal-intimata Curmi. Minn dak inhar il-quddiem l-attrici ma regghetx marret izzur lill-genituri taghha ghand l-intimata.

**Alvin Scicluna** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc[21] xehed illi Rita Attard kellha kont wiehed biss f'isimha[22]. Dan il-kont inghalaq minnha stess fit-13 ta' Settembru 2012 u fih kien hemm bilanc ta' €6,825.10.

Jirrizulta li l-konjugi Attard kellhom *joint account*. Dan il-kont li kien f'Dollaru Amerikan inghalaq fid-9 ta' April 2008 u fih kien hemm bilanc ta' US$ 32,185[23].

Jghid illi Saverio Attard kellu hames (5) kontijiet f'ismu[24]. Jirrizulta illi minn dawn il-kontijiet ingibdu xi flus mill-intimata Theodora Curmi li ghalqet dawn il-kontijet permezz ta' prokura[25]. Erbgha minn dawn il-kontijiet inghalqu fis-sena 2012 waqt illi l-kont l-iehor inghalaq fis-sena 2016.

Mill-*istatements* bankarji jirrizulta illi f'dati differenti fis-sena 2012 Theodora Curmi gibdet is-somma komplessiva ta' €61,384.47 waqt illi fis-sena 2016 gibdet is-somma ta' €10,638.53. Ghalhekk komplessivament l-intimata Curmi gibdet l-ammont ta' €72,023.
**Mario Galea** in rapprezentaza ta' HSBC Bank Malta plc xehed illi Saverio Attard kellu zewg kontijiet f'ismu[26]. Dawn inghalqu minn Saverio Attard. Kont minnhom inghalaq fit-2 ta' Settembru 2010 u l-iehor inghalaq fl-4 ta' Novembru 2011[27]. Bejn dawn iz-zewg kontijiet kien hemm it-total ta' €14,081.92.

**Ruth Grech** in rapprezentanza ta' APS Bank xehdet illi ma' jirrizulta ebda kont f'isem Saverio u/jew Rita Attard[28].

---

[21] A fol. 104 et seq. tal-process.
[22] Dok. AS1 a fol. 113 tal-process.
[23] Dok. AS 3 u AS 4 a fol. 113 tal-process.
[24] Dok. AS 5 sa AS 19 a fol. 113 tal-process.
[25] Dok. AS 20 a fol 114 tal-process.
[26] A fol. 114 sa 117 tal-process.
[27] Dok. MG 1 u MG 2 a fol. 118 tal-process.
[28] A fol. 119 tal-process.

**Sean Meli** in rapprezentanza tad-Direttur tas-Servizzi Socjali xehed illi Saverio Attard kien jircievi l-pensjoni kif ukoll *energy benefit, senior citizen grant* u beneficcju supplemetarju li thallas mis-sena 2001 sas-sena 2002 u mis-sena 2009 sas-sena 2010. Kemm il-pensjoni ta' Saverio u kif ukoll dik ta' Rita gew ridotti meta dawn gew rikoverati wiehed l-isptar u l-ohra f'dar residenzjali ghall-kura tal-anzjani.

**Dr Peter Muscat** in rapprezentanza tas-Suprintendent tal-Isptar Generali t'Ghawdex xehed illi Saverio Attard gie rikoverat l-isptar diversi drabi minhabba ilmenti ta' natura medika[29]. Kwantu ghal Rita Attard din dahlet f'Dar Sant'Anna fl-24 ta' April 2012 fuq talba taghha stess u baqghet tghix fid-dar residenzjali sakemm giet nieqsa.

**Theodora sive Doris Curmi** xehdet permezz ta' affidavit[30] fejn qalet illi l-ginituri taghha marru jghixu maghha ghaliex kienu komdi jaghmlu dan. Tghid illi ommha damet tghix maghha madwar sentejn waqt illi missierha dam madwar tlett snin. Spjegat illi peress illi l-ginituri taghha kienu mdahhlin sewwa fiz-zmien, hi u zewgha kellhom "*ftit tax-xoghol mhux hazin bihom*" tant illi hi spiccat kellha titlaq mix-xoghol biex iddur b'ommha u missierha. Ziedet tghid li ghalkemm ghal xi zmien il-ginituri taghha kienu ghadhom fuq saqajhom xorta wahda ma kienx facli li wiehed jiehu hsieb zewg anzjani fl-istess hin. Tkompli tghid li qatt ma hallewhom wahedhom fid-dar biex ma jmurx jinqalghalhom xi haga, qatt ha hallewhom neqsin minn xejn u sahansitra ghamlu modifiki fid-dar biex il-ginituri taghha jkunu komdi. Imbaghad meta l-marda ta' missierha aggravat zdiedu wkoll l-ispejjez. Matul dan iz-zmien tghid illi qatt ma sabet ebda ghajnuna mill-atturi. Tghid illi Angela Spiteri lanqas ghall-funeral tal-ginituri taghha m'attendiet waqt illi Carmel Attard kien imur jara lill-ommu izda mhux lil missieru ghaliex ma kellux relazzjoni tajba mieghu.

Rigward il-prokura tghid illi missierha kien fdaha bil-prokura tal-bank waqt illi lil zewgha George Curmi fdah bi prokura sabiex isarraf il-pensjoni. Missierha kien jaqbad mal-€500 fix-xahar bhala pensjoni u dan l-ammont kien jintuza ghall-bzonnijiet kollha tal-ginituri. Tghid illi dan l-ammont fil-verita lanqas biss kien iservi u ghalhekk hi u zewgha kienu johorgu l-flus minn buthom sakemm missierha taha struzzjonijiet sabiex kultant zmien tigbed xi flus mill-bank. Il-flus li kienet tigbed kienet tghaddihom

[29] A fol. 132 et seq. tal-process.
[30] A fol. 157 et seq. tal-process.

lil missierha u hu kien iqasshom kif jidhirlu. Tghid illi gieli taha xi flus lilha ghall-ispejjez u gieli wkoll ta' xi donazzjoni lill-uliedha.

**In kontro-ezami** qalet illi l-ewwel darba li missierha mar jghix maghha kien f'Marzu tas-sena 2010[31]. Xehdet illi ommha u missierha damu sena u nofs jghixu maghha fid-dar taghha sakemm ommha ddecidiet illi riedet tmur tghix f'dar residenzjali. Tghid illi ommha ma kinitx taghtha raguni ghaliex riedet taghmel dan. Filfrattemp, missierha baqa' jghix maghha. Ziedet tghid illi kellha titlaq mix-xoghol sabiex tiehu hsieb ommha u missierha. Madanakollu, tghid ukoll illi r-ragel taghha jahdem bhala *watchman* bil-lejl u matul il-gurnata kien ikun id-dar jghin f'dak li kien mehtieg. In oltre, dak iz-zmien hadd mill-genituri taghha ma kien *bedridden*. *Ciononostante* tghid illi ma kinitx tlahhaq mal-bzonnijiet taghhom u ma setghetx tafdahom wehidhom.

Dwar il-flus illi ngibu mill-bank tghid illi ma tafx x'sar minnhom. Tghid illi hi kienet tigbed il-flus u tghaddihom lil missierha li dak iz-zmien kien ghadu tajjeb u kien johrog u anki jmur id-dar tieghu. Minn dawn il-flus gieli ta xi haga lilha u lill-uliedha wkoll izda ma tiftakarx kemm kien jaghtihom. Tkompli tixhed illi "*Insejt kemm tana, ma qghadx nghodd, kien jaghtina.*" Ziedet tghid illi kapricci ma kellux u li kull fejn kien ikollu bzonn imur kienu jwassluh huma stess.

Fir-rigward tal-artijiet tghid illi dawn gew imhollija lilha biex iddur b'missierha.

Fir-rigward tal-modifiki li ghamlet fid-dar tghid illi dawn kienu jikkonsistu fit-tpoggija ta' tlett soddod, gwardarobba u sink fil-kamra.
**In ri-ezami** xehdet illi fiz-zmien meta ommha u missierha kienu jghixu maghha kienet taghmlilhom xi ftit te, tahsilhom, titmaghhom u ssajrilhom. Fl-ahhar sena ta' hajtu missierha ma kienx jimxi u sahansitra kien spicca bil-harqa u bil-*catheter*. Dan kien jirrikjedi minnha li tbiddillu madwar erba' darbiet kuljum. Tghid illi kien hemm ukoll il-bzonn li tinxtara sodda mekkanika u din kien hallas ghaliha missierha stess. Spejjez ohra ta' medicini ma kienx hemm.

**George Curmi** ukoll xehed permezz ta' affidavit[32]. Jghid illi il-mara tieghu Doris Curmi qatt m'opponiet ghall-hlas tas-sehem rizervat spettanti lill-

[31] A fol. 198 et. seq. tal-process.
[32] A fol. 324 et. seq tal-process.

atturi izda ma ntlahaqx ftehim ghaliex ma kienx hemm qbil dwar il-valur tal-proprjeta'.

Huwa kkonferma dak illi xehdet martu Doris Curmi fl-affidavit taghha u zied jghid illi kien iqatta' hafna hin ma' Saverio Attard u kien sahansitra jahslu u jbiddillu l-hrieqi. Jghid ukoll illi ma kienx hemm ko-operazzjoni mill-atturi sabiex iduru b'Saverio u Rita Attard.

**In kontro-ezami** jghid illi la jaf kemm ingibdu flus mill-bank u lanqas ma jaf x'sar minn dawk il-flus[33]. Zied jghid illi Saverio Attard kien jghaddilhom il-pensjoni kollha sabiex juzawha. Jghid illi maz-zmien l-ispejjez bdew jizdiedu. L-ispjjez kienu relatati ma' medicini biss u ma jafx xi spejjez kien jaghmel b'rabta ma' Saverio u Rita Attard.

Dwar l-attur jghid illi dan kellu relazzjoni hazina mal-missier. Zied jghid illi l-attur lanqas ma ried jiehu lil ommu tghix mieghu ghaliex ma riedx intrigu.

**Lyeann Sultana** xehdet illi flimkien ma' zewgha Jeremy Sultana applikaw ghall-izvilupp tad-dar residenzjali taghha fi Triq Ta' Gokk fix-Xewkija[34]. Spjegat illi fiz-zona ghad hemm razzett li fih hemm ghadd ta' annimali bhal moghoz, naghag u hniezer illi dawn issibhom anki jigru fit-triq. Dan jirrizulta minn tlett ritratti li hija stess hadet mid-dar t'ommha[35].

**Mark Cini** in rapprezentanza tal-Awtorita` tal-Ippjanar xehed illi l-*plots* immarkati bl-ittri 'B' u 'C' ghandhom *total height elevation limitation* ta' 16.3 metri waqt illi l-*plots* immarkati bl-ittri 'D' u 'E' ghandhom *total height elevation limitation* ta' 12.3 metri[36]. Zied jghid illi fuq il-porzjon immarkat bl-ittra 'A' hemm permess ta' zvilupp f'isem Jeremy Sultana. Jirrizulta wkoll illi hemm permess ta' zvilupp fuq il-*plot* immarkata bl-ittra 'D'. Zied jghid illi llum il-gurnata skont il-Plajn lokali ta'zvilupp din iz-zona hija zona residenzjali u filfatt kien hemm fiz-zona razzett illi gie ordnat jaghmel rilokazzjoni ghal band'ohra.

Fix-xhieda ulterjuri tieghu jghid illi ghalkemm il-*plots* mertu ta' din il-vertenza m'humiex fil-parti indikata bhala *intensive agricultural area*, il-*plot*

[33] A fol. 492 et seq. tal-process.
[34] A fol. 302 et seq. tal-process.
[35] Dok. LS 1 sa LS 3 a fol. 308 sa 310 tal-process.
[36] A fol. 272 et seq. u a fol. 457 et seq. tal-process.

indikata bl-ittra 'E' tinsab tmiss mal-*intensive agricultural area*[37]. Zied jghid illi fiz-zoni identifikati bhala *intensive agricultural land* huwa permess l-izvilupp relatat mal-agrikoltura inkluz ukoll l-irziezet. Il-fatt jirrizulta illi fiz-zona allokata bhala *intensive agricultural zone* li tinsab fil-konfini tax-Xewkija hemm xi rziezet koperti bil-permessi necessarji[38]. Madanakollu, sabiex jinghata permess ghal tali zvilupp iridu jigu sodisfatti ghadd ta' kundizzjonijiet fosthom iz-zamma ta' distanza mill-bini ezistenti.

**Dr Joseph Rapa** huwa t-tabib tal-familja ta' Saverio Attard[39]. Xehed illi beda jiehu hsieb il-kura medika ta' Saverio Attard fis-sena 1998 u baqa' t-tabib kuranti tieghu sakemm miet. Spjega illi fis-sena 2009 Saverio Attard kellu kankru tal-prostata biss din il-problema kienet ikkontrollata bil-medicina li t-Tabib stess kien jinjettalu kull tlett xhur. Il-medicina in kwistjoni kienet tinghata b'xejn mill-Gvern. Spjega illi l-medicina li kienet tigi somministrata b'injezjoni kienet issir jew fid-dar fejn Saverio Attard kien qieghed jghix flimkien mal-intimata inkella billi Saverio Attard kien imur fil-klinika tat-Tabib. Din is-sitwazzjoni medika rrimedjat ruha sas-sena 2012. Matul l-ahhar sena kien anki gie rikoverat l-isptar darbtejn minhabba *chest infection*. Spjega illi fl-ahhar xhur ta' hajtu Saverio Attard kien ghadu f'sensieh izda ma kienx ghadu sod fuq saqajgh u kien iqatta' hafna hin fis-sodda. Spjega illi Saverio Attard ma kienx *bedridden* izda fl-ahhar tlieta jew erbgha xhur ta' hajtu kien iqatta' aktar hin fis-sodda u ma kienx ikun dejjem lucidu kawza tac-*chest infection*. Zied jghid illi meta Saverio Attard kien jehtieg xi kura medika, kienu principalment Doris u George Curmi li kienu jikkomunikaw mat-tabib.

**Dr Joseph Farrugia** xehed illi fis-sena 2009 Saverio Attard gie djanjostikat b'kankru tal-prostata u nghata l-kura[40]. Dak iz-zmien minhabba problema ta' *urine retention* kien sar *catheter* li baqa' hemm ghal xi zmien. Fis-sena 2010 Saverio Attard ghamel l-operazzjoni tal-murliti. Jidher illi bejn is-sena 2010 u s-sena 2012 gie rikoverat darbtejn dwar problemi ta' konstipazzjoni. Rega' gie rikoverat l-isptar f'Jannar tas-sena 2012 minhabba *acute bronchitis*. Saverio Attard rega gie rikoverat fi Frar tas-sena 2012 minhabba ugigh muskolari u rrizulta illi kellu *chest infection*. Fit-28 ta' Gunju 2012 rega gie rikoverat minhabba *chest pain* izda ma rrizultax li kien qieghed isofri minn xi attakk tal-qalb. Sarulu diversi ezamijiet medici minn fejn irrizulta illi kellu l-kliewi minfuhin u ghalhekk inghata *referral* ghal *urology* izda ma

---

37 A fol. 457 et seq. tal-process.
38 Ara Dok. MCA 1 a fol 464 et seq. u n-Nota flimkien ma' Dok. MC 1 a fol. 487 u 488 tal- process.
39 A fol. 326 et seq. tal-process.
40 A fol. 348 et seq. u Dok. JF 1 a fol. 363 u 364 tal-process.

kienx hemm segwitu ghal dan l-appuntament. Saverio Attard inghata wkoll xi pilloli b'rabta mal-qalb. Fis-16 ta' Novembru 2012 gie rikoverat mill-gdid minhabba *diarrhea*. Min-notamenti tar-rikoveru jidher illi huwa ttiehed l-isptar minn George Curmi fejn inghad li Saverio Attard kien qieghed jghix maghhom u li dak iz-zmien kien 99% *bedbound*. Huwa rega ddahhal l-isptar fil-5 ta' Jannar 2013 fejn dam rikoverat sad-19 ta' Jannar 2013 minhabba bronkite akuta. L-ahhar rikoveru kien dak tas-26 ta' April 2013 ukoll minhabba *chest infection* sakemm miet fit-30 ta' April 2013. Zied jghid illi mill-*admission notes* jirrizulta illi fil-11 ta' Jannar 2012 Saverio Attard kien qieghed jghix mat-tifla tieghu. Jirrizulta wkoll illi f'xi zmien Saverio Attard kien tpoggielu *catheter* ghal tul ta' zmien izda mhux maghruf ghal kemm zmien. Zied jghid illi dan il-*catherter* jinbidel bejn wiehed u iehor darba kull tlett xhur u jinbidel minn infermiera. Fil-frattemp l-individwu jew il-familjari jbiddlu l-borza meta din tintela.

Mic-certifikat tal-mewt ta' Saverio Attard jirrizulta illi dan kellu xi *bed sores* li kien ilhom fuqu madwar tlett xhur. Jirrizulta illi l-ewwel darba li ssemmew il-*bed sores* kien fis-26 ta' April 2013 meta gie rikoverat ghall-ahhar darba.

**Ronald Debrincat**[41] xehed illi b'kuntratt tad-29 ta' Novembru 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Refalo huwa kien xtara dar magenb id-dar tal-intimati Curmi ghall-prezz ta' €179,000[42]. Id-dar inxtrat fi stat *finished* u bl-ghamara.

In kontro-ezami xehed illi d-dar hija mibnija fuq zewg sulari u fiha anki garaxx.

**Il-Valutazzjoni**

Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dwar il-valur tal-proprjeta`. Sabiex tigi stmata l-proprjeta' immobbli appartenenti lid-decujus il-Qorti hatret lill-espert tekniku, il-Perit Joseph Grech li ghamel access ghall-proprjetajiet kollha u rrediga rapport li ppresenta bil-gurament tieghu.

**Ir-Relazzjoni Teknika**

[41] A fol. 513 et seq tal-process.
[42] Dok. RB1 a fol. 516 et seq.

Jirrizulta s-segwenti[43]:

1. **Art Fabrikabbli, Triq Ta' Gokk, ix-Xewkija**

   Din l-art fiha kejl ta' 1500 metri kwadri u tinsab maqsuma f'hames plots li minnhom il-plot immarkata bl-ittra 'A' hija diga zviluppata. L-art de quo hija zviluppabli sa gholi massimu ta' 16.3 metri 'l fuq mit-triq. Din l-art fit-totalita' taghha giet stamata bhala li ghandha valur fis-suq ta' **€1,250,000**.

2. **5, Triq Santa Marija, Xewkija**

   Din il-proprjeta' tikkonsisti f'porzjon ta' art fabrikabbli ta' madwar 180 metri kwadri li fuqha hemm mmibnija xi kmamar antiki li ma ghandhom ebda valur. Din l-art hija fabrikabbli sa gholi massimu ta' 16.3 metri 'l fuq mit-triq. Il-valur shih tal-art huwa ta' €156,000.

   Saverio Attard ghandu s-sehem ta' wiehed minn sitta (1/6) indiviz minn dan il-proprjeta` u ghalhekk il-valur tas-sehem tieghu huwa ta' **€26,000**.

3. **10, Ave Maria, Triq Santa Marija, Xewkija**

   Din il-proprjeta' tikkonsisti f'residenza li prezentement hija vakanti. Ghandha valur totali ta' **€140,000**. Billi s-sehem ta' Saverio Attard minn din il-proprjeta` huwa ta' nofs indiviz il-valur tas-sehem tieghu huwa ta' **€70,000**.

4. **16, Triq il-Knisja, Xewkija**

   Din il-proprjeta' tikkonsisti f'residenza li prezentement hija vakanti. Ghandha valur komplessiv ta' **€240,000**.

   Is-sehem tad-decujus huwa ta' wiehed minn sitta (1/6) indiviz minn dan il-proprjeta` u ghalhekk il-valur tas-sehem tieghu huwa ta' **€40,000**.

5. **Art Fabrikabbli, Sqaq Nru. 3, Triq Santa Katarina, Xewkija**

---

[43] A fol. 168 et seq. tal-process.

Din l-art hija tal-kejl ta' cirka 193 metru kwadru u ghandha valur ta' **€45,000**.

Minn dan l-art Saverio Attard ghandu s-sehem ta' wiehed minn sitta (1/6) indiviz. Il-valur ta' dan is-sehem jammonta ghal **€7,500**.

Il-Perit tekniku gie msejjah sabiex iwiegeb in eskussjoni[44]. Jghid illi ghalkemm m'ghandux ufficcju privat Ghawdex, huwa jaghmel dak ix-xoghol illi jkun gie assenjat lilu fuq inkarigu tal-Qorti.

Spjega illi l-valutazzjonijiet tieghu huma bbazati fuq ezercizzju komparattiv fejn ihares lejn is-siti elettronici tal-agenziji immobiljari u jqabbel proprjetajiet simili fl-istess lokal. Mistoqsi jekk il-prezz tal-proprjeta' jvarjax minn lokalita ghal ohra, il-Perit wiegeb illi "*li kieku jkolli niggudikahom fuq skala shiha, nahseb li they woud be on the same platform fl-opinjoni tieghi*". Zied jispjega illi l-valutazzjoni tiddependi aktar fuq dak illi jista' jinbena fis-sit partikolari.

Fil-kaz ta' llum il-valutazzjoni bbazaha fuq dak illi rrizultalu mil-*local plan* u x'jista' jinbena skont dan il-pjan. Spjega li huwa ma kienx jaf li hemm xi rziezet fil-vicin u ghaldaqstant ma hax dan il-fattur in konsiderazzjoni. Madanakollu spjega illi anki jekk fiz-zona hemm irziezet koperti bil-permessi, la darba dawn l-irziezet jinsabu go *residential zone* dawn iridu jigu rilokati ghal band'ohra. Din hija l-*way forward*.

Spjega wkoll illi d-*developemnt policy* fiz-zona tindika *height limitations* li huma pjuttost suggettivi ghall-interpretazzjoni. Ghalhekk kull applikazzjoni ghall-izvilupp fuq il-*plots* illi qeghdin imissu mat-tarf taz-zona tkun soggetta ghall-interpretazzjoni dwar il-*height limit* skont kif id-*development policy* tigi nterpretata mill-awtoritajiet.

**Stimi ex parte**

Il-partijiet hasbu wkoll sabiex iressqu stimi li gabru *ex parte*.

---

[44] A fol. 238 et seq. tal-process.

Da parti taghhom l-atturi kkonsultaw mal-Perit Teddie Busuttil. Minn kopja tal-istima[45] mhejjija mill-Perit Busuttil jidher illi l-hames porzjoniiet art fix-Xewkija gew stmati bhala li ghandhom valur ta' €175,000 kull porzjoni b'dan illi l-valur komplessiv jammonta ghal €875,000. Ir-raba' zviluppabbli li jinsab fi sqaq li jaghti minn Triq Santa Katerina fix-Xewkija gie stmata li ghandu valur ta' €120,000. Id-dar numru 10 fi Triq Santa Marija fix-Xewkija bhala li ghandha valur ta' €150,000 u d-dar numru 5 fi Triq Santa Maria, ix-Xewkija bhala li ghandha valur ta' €170,000.

Tajjeb jinghad illi l-Perit Busuttil ma giex imsejjah sabiex jixhed quddiem il-Qorti.

L-intimati Curmi ukoll dahlu f'ezercizzju estensiv fejn ikkonsultaw ma' diversi esperti fis-settur immobiljari u gabru valutazzjonijiet kemm minghand Periti kif ukoll minghand sensara u agenziji immobiljari.

Il-**Perit Emanuel Vella**, fuq inkarigu ex parte tal-intimati Curmi, intalab jaghti stima tal-proprjeta' konsistenti f'art fi Triq Ta' Gokk, ix-Xewkija[46]. Jiddeskrivi l-art li tinsab maqsuma f'hames (5) porzjonijiet bhala li fiha kejl komplessiv ta' 1500 metru kwadu. Kwantu ghal *plots* immarkati bl-ittri 'A' u 'B' dawn jaqghu fi zona fanrikabbli fejn l-gholi permissibbli huwa ta' 16.3 metri. Dawn il-*plots* huma stmati li ghandhom valur komplessiv ta' €340,000. Kwantu ghal *plots* immarkati 'C', 'D' u 'E' dawn huma zvilupabbli sa gholi massimu ta' 12.3 metri u jgibu valur totali ta' €450,000. Jistma din il-proprjeta' bhala li ghandha valur komplessiv fl-ammont ta' €790,000.

Tajjeb jinghad illi l-Perit Vella ma ntalabx jixhed quddiem il-Qorti.

Il-**Perit Shawn Micallef**, ukoll fuq inkarigu ta' Doris Curmi, hejja stima tal-porzonijiet art li hemm fi Triq Ta' Gokk, ix-Xewkija[47]. L-art hija tal-kejl komplessiv ta' 1510 metri kwadri u hija fabrikabbli. Jghid illi l-*plots* immarkati bl-ittri 'A' u 'B' huma zvilupabbli f'gholi ta' erba sulari u *penthouse* mentri l-*plots* immarkati bl-ittri 'C', 'D' u 'E' jistghu jigu zviluppati f'gholi ta' zewg sulari u *penthouse*. Jistma' l-*plots* immarkati 'A'u 'B' bhala li ghandhom valur ta' €190,000 kull *plot* waqt illi l-*plots* l-ohra

[45] A fol. 344 tal-process.
[46] A fol. 321 tal-process.
[47] A fol. 337 et seq. tal-process.

jistmahom illi ghandhom valur ta' €150,000 kull *plot*. Il-valur totali ghall-hames (5) *plots* huwa ta' €830,000.

Lanqas il-Perit Micallef ma ntalab jixhed quddiem il-Qorti.

**George Fenech**, sensar, gie nkarigat minn Jeremy Sultana li huwa r-ragel ta' Lyeann Sultana ossia t-tifla tal-intimati Curmi. Jghid illi l-art li tinsab fi Triq is-27 ta' Novembru 1678, ix-Xewkija hija maqsuma f'hames porzjonijiet li flimkien ghandhom kejl ta' 1510 metri kwadri u huma stamati li ghanhom valur totali ta' €725,000.

George Fenech ikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament quddiem il-Qorti[48]. Fix-xhieda tieghu qal illi biex hareg din l-istima huwa ra l-*height limitation* u z-zona fejn tinsab il-proprjeta'. Qies ukoll illi vicin hafna tal-*plots* huwa mmarkat bhala *intensive agricultural activity site* li jfisser illi wiehed jista' japplika ghal permess biex jaghmel razzett tal-annimali[49]. Zied jghid illi minhabba dan il-fattur ix-Xewkija ma tantx hija mfittxija .

**Charlene Xerri Gat**t ghan-nom ta' Century 21 Real Estate stmat il-*plots* individwalment: *Plot* A ghandha valur fis-suq ta' €175,000, *Plot* B ghandha valur fis-suq ta' €170,000, *Plot* C ghandha valur fis-suq ta' €160,000, *Plot* D ghandha valur fis-suq ta' €160,000 u *Plot* E ghandha valur fis-suq ta' €155,000[50].
Fix-xhieda taghha spjegat illi kienet Doris Curmi li haditha fuq il-post u talbitha stima tal-artijiet[51]. Tghid illi l-valutazzjoni tal-proprjeta' hadmitha abbazi tal-kejl indikat fuq is-*site plan*. Qieset il-valur tal-proprjeta' fis-suq u l-*planning policies* minn fejn jirrizulta li z-zona hija fabrikabbli. Tghid illi x-Xewkija ghandha *ranking* baxx minhabba l-fatt li hija zona agrikola u industrijali.

Il-**Perit Godwin Sultana** jistma l-porzjonijiet ta' art de quo bhala li ghandhom dawn il-valuri: *Plot* A ghandha valur fis-suq ta' €160,000, *Plot* B ghandha valur fis-suq ta' €172,000, *Plot* C ghandha valur fis-suq ta' €184,000, *Plot* D ghandha valur fis-suq ta' €142,000 u *Plot* E ghandha valur fis-suq ta' €130,000[52].

---

[48] A fol. 409 et seq. tal-process.
[49] Ara wkoll Dok. GF1 a fol. 448 u 449 tal-process.
[50] Dok. PQ a fol. 374 tal-process.
[51] A fol. 478 et seq. tal-process.
[52] Dok. XY a fol. 375 tal-process.

Xehed illi biex hadem l-istima acceda fuq il-post, ra l-pjanti, ra l-*building policies* fiz-zona u ghamel ezami komparattiv ma' proprjetajiet ohra fiz-zona[53].

**Giovanni Saliba,** direttur ghal Giovanni Real Estate hejja din il-valutazzjoni: *Plot* A ghandha valur fis-suq ta' €168,000, *Plot* B ghandha valur fis-suq ta' €146,000, *Plot* C ghandha valur fis-suq ta' €150,000, *Plot* D ghandha valur fis-suq ta' €150,000 u *Plot* E ghandha valur fis-suq ta' €152,000[54]

Xehed illi l-valutazzjoni hija bbazata fuq il-lokalita' fejn jinsabu l-artijiet peress illi x-Xewkija ma tantx hija mfittxija[55]. Jghid illi vicin l-artijiet de quo hemm xi rziezet. Qies ukoll il-valur tal-proprjeta' fis-suq u *property comparables* fiz-zona. Zied jghid illi huwa qatt ma mar fil-post u bbaza ruhu fuq dak li rrizultalu minn *google maps*.

In ri-ezami xehed illi llum il-gurnata l-affarijiet fix-Xewkija jinsabu sejrin il-quddiem.

**Ikkunsidrat**

**L-Eccezzjoni preliminari**

In linea preliminari gie eccepit illi l-intimat George Curmi mhuwiex legittimu kuntradittur ghat-talbiet attrici stante illi huwa mhuwiex wiehed mill-werrieta. Mill-okkju tal-kawza jirrizulta illi George Curmi gie msejjah fil-kawza ta' llum ghal kull interess illi jista' jkollu. L-atturi kkonfermaw dan anki fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-atturi qeghdin jitolbu riduzzjoni tal-legat ghaliex jallegaw illi dan jeccedi s-sehem rizervat spettanti lilhom mill-wirt ta' missierhom skont il-ligi. Jehtieg ghalhekk illi s-siwi tal-eccezzjoni sollevata mill-intimati jigi mistharreg fuq zewg binarji u cioe il-pozizzjoni tal-intimat Curmi vis-a-vis l-eredita' ta' Rita Attard u l-pozizzjoni tieghu in kwantu si tratta dwar il-wirt ta' Saverio Attard.

---

[53] A fol. 509 et seq. tal-process.
[54] A fol. 443 sa 445 tal-process.
[55] A fol. 469 et seq. tal-process.

Sa fejn din l-eccezzjoni takkampa fuq it-testment unica charta illi Saverio u Rita konjugi Attard ghamlu fl-14 ta' Gunju 1985, din l-eccezzjoni tirrizulta misthoqqa ghaliex waqt illi permezz ta' dan it-testment id-decujus innominaw lis-sitt (6) uliedhom bhala eredi universali taghhom, huma m'ghamlu ebda dispozizzjoni li tolqot lil Geroge Curmi.

L-eccezzjoni tirrizulta wkoll siewja fir-rigward tat-testment tat-22 ta' Novembru 2012 liema testment sar minn Rita Attard wehedha.

Mhux l-istess jista' jinghad in kwantu l-wirt ta' Saverio Attard. Permezz ta' tlett testmenti separati u cioe dak tad-9 ta' April 2011, dak tal-20 ta' Dicembru 2011 u dak tal-25 ta' Jannar 2013, Saverio Attard halla legat remuneratorju favur George u Doris konjugi Curmi. Ghalhekk, anki jekk George Curmi m'ghandux kwalifika ta' eredi, qua legatarju huwa legittimu kuntradittur ghat-talbiet attrici u dan ghaliex a tenur tal-Artikolu 651 tal-Kap 16 "*Kemm-il darba d-disposizzjonijiet b'testment ikunu jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, jew il-bicca ta' dan is-sehem tibqa' wara li jinqata l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir pro rata, minghajr ebda ghazla bejn werrieta u legatarji*."

Ghalhekk, qua legatraju l-konvenut George Curmi huwa legittimu kuntradittur ghaliex jekk il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici u tordna riduzzjoni fil-legat dan ser jimpatta direttament fuq il-laxxitu favur tieghu.

**Il-Mertu**

Waqt illi rrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom l-atturi zammew ferm id-dritt ghas-sehem rizervat. Jirrizulta illi konsegwenza tad-dizgwid bejn l-ahwa fir-rigward tal-wirt tal-missier, lanqas ma nqasam il-wirt tal-omm. Ghalhekk, l-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex filwaqt li tillikwida l-beni tal-genituri taghhom, tikkondividi l-komunjoni ta' l-akkwisti u tassenja porzjon lil kull wiehed mill-genituri. Talbu wkoll lill-Qorti sabiex tiddetermina s-sehem rizervat dovut lilhom mill-wirt ta' missierhom Saverio Attard. In oltre talbu lill-Qorti sabiex tistabbilixxi fiex tikkonsisti l-massa ereditarja ta' Rita Attard u taqsam din f'sitt porzjonijiet ugwali biex kull wiehed mill-ahwa Attard jigi assenjat is-sehem spettanti lilu.

L-atturi jippretendu li fuq is-sehem rizervat spettanti lilhom ghandu jithallas l-imghaxx bir-rata ta' 8% dekorribbli mid-data tal-ftuh tas-

successjoni sad-data tal-hlas effettiv. In oltre, talbu wkoll illi l-flus li kienu depozitati fil-banek jintraddu lura fil-massa ereditarja bl-imghax legali.

**Il-Komunjoni tal-Akkwisti**

Jirrizulta illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti unikament fid-dar matrimonjali fl-indirizz numru 10, Ave Maria, Triq Sana Marija, Xewkija. Il-Qorti sejra taqsam din f'zewg porzjonijiet indaqs u tassenja porzjon kull wiehed lill-assi formanti l-gid rispettiv ta' Saverio Attard u ta' Rita Attard.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, u anki mix-xhieda minnhom prodotti, jidher illi l-pretensjoni taghhom testendi anki ghall-hlas tal-pensjoni u l-beneficcji socjali li ghalihom kienu ntitolati Saverio u Rita Attard kif ukoll ghal depoziti li d-defunti Attard kellhom f'kont bankarju f'dollaru Amerikan mal-Bank of Valletta plc.

Doris u George Curmi kkonfermaw illi Saverio Attard kien jghaddilhom il-pensjoni kollha u din kienet tintuza ghall-ghixien ta' kuljum. Il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm meta wiehed iqisha fuq medda ta' numru ta' snin il-pensjoni twassal ghal somma importanti, il-Qorti ma tqisx illi din ghandha tiddahhal fil-massa ereditarja. Il-pensjoni hija ntenzjonata sabiex tintuza ghall-ghixien ta' kuljum u ghalhekk tqis illi dawn l-ammonti ntuzaw ghall-bzonnijiet ta' Saverio u Rita konjugi Attard. Anki jekk huwa kkonfermat mill-intimati Curmi li Saverio Attard kien jghaddilhom il-pensjoni kollha, il-Qorti qieset ukoll illi Saverio Attard ghamel minn Awissu tas-sena 2010 sa April tas-sena 2013 (qieset li matul dan il-perjodu kien hemm perjodu ta' mhux aktar minn seba' (7) xhur meta Saverio Attard kien mar jghix ghand l-attrici Angela Spiteri u matul dak iz-zmien il-pensjoni kienet tinqasam bejn Doris Curmi u Angela Spiteri) jghix mal-intimati Curmi waqt illi Rita Attard damet tghix ghandhom minn Awissu tas-sena 2010 sa April tas-sena 2012. Qieset ghalhekk illi matul dan il-perjodu kemm Saverio u kif ukoll Rita Attard kienu certament qeghdin jaghmlu uzu mis-servizz tad-dawl u tal-ilma u kienu qeghdin jieklu ukoll. Tqis ghalhekk illi fl-ahhar mill-ahhar ghalkemm il-pensjoni giet zbankata mill-intimati Curmi xorta wahda intuzat ghall-ghixien ta' Saverio u Rita Attard.

Kwantu ghad-depoziti f'kont f'Dollaru Amerikan fil-Bank of Valletta plc, jidher illi dan il-kont inghalaq fis-sena 2008. F'dan il-kont kien hemm

depozitat l-ammont ta' madwar €13,000. Ma tressqet ebda prova li turi li dawn il-flejjes gew depozitati f'xi kont iehor li kellhom il-konjugi Attard. Fis-sena 2008 il-konjugi Attard kienu ghandhom jghixu wahedhom gewwa d-dar konjugali taghhom u kien ghad fadlilhom snin ta' hajja quddiemhom. Wara li qieset l-ammont depozitat f'dan il-kont u li l-kont inghalaq fis-sena 2008, il-Qorti tqis illi dan l-ammont m'ghandux jiddahhal bhala parti mill-massa ereditarja aktar u aktar meta ma tirrizulta ebda prova li dawn il-flejjes ingibdu mill-intimati.

**Il-Wirt ta' Saverio Attard**

**Il-Konsistenza tal-Assi**

Qabel tikkwantifika s-sehem rizervat il-Qorti trid tabilhaqq tiddetermina l-konsistenza tal-assi ta' Saverio Attard.

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-massa ereditarja ta' Saverio Attard tikkonsisti fis-segwenti:

1) Art Fabrikabbli, Triq Ta' Gokk, ix-Xewkija fil-kejl ta' 1500 metri kwadri;
2) Is-sehem indiviz ta' wiehed sitta (1/6) mill-fond numru 5, Triq Santa Marija, Xewkija
3) Is-sehem ta' nofs indiviz (1/2) mill-fond numru 10, Ave Maria, Triq Santa Marija, Xewkija
4) Is-sehem indiviz ta' wiehed sitta (1/6) mill-fond numru 16, Triq il-Knisja, Xewkija
5) Is-sehem indiviz ta' wiehed sitta (1/6) mill-art fabrikabbli fi Sqaq Nru. 3, Triq Santa Katarina, Xewkija
6) Depoziti f'kontijiet differenti ammontanti komplessivament ghas-somma ta' €86,104.92.

**Il-Legati**

F'kawza bhal dik ta' llum fejn qieghed jintalab is-sehem rizervat iridu jigu analizzati l-legati mhollija minn Saverio Attard. Dan ghaliex ghalkemm fil-kaz ta' llum mhux qieghed jigi attakkat il-legat remuneratorju, l-atturi jippretendu mill-intimati l-prova tan-natura remuneratorja tal-legati

mhollija lilhom, u f'kaz li ma jiskarikawx il-piz ta' din il-prova il-konsegwenza tkun dik li l-legati ghandhom jitqiesu bhala liberalitajiet u mhux hlas ta' dejn tal-wirt. Konsegwentement dan ikun ifisser li l-legati jkunu soggetti ghal tnaqqis sa fejn ikun jaqbez is-sehem li t-testatur kellu l-jedd illi jiddisponi minnu.

La darba "*skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`. Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinata speci ta' beni*'[56]. Inghad ukoll illi "*Dan ifisser li l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza.*"[57]

Kif tajjeb gie osservat mill-Profs. V. Caruana Galizia:

"*The law does not specify the kind of property which is to make up the legitim: it simply states that it is 'a portion of the property of the deceased'. On the other hand, the person to whom the legitim is due may not claim any portion of the property disposed of by the testator, either by donation or by will, unless he has thereby disposed of more than he is by law allowed*"[58] .

L-Artikolu 620 tal-Kap 16 jistabbilixxi illi s-sehem rizervat tal-wirt jinhadem fuq ir-*relictum et donatum* kollu u cioe fuq l-assi kollha wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funeral.

Il-Prof. V. Caruana Galizia ikompli josserva illi:

"*Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition*

[56] Ara: **Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju, 1950 - Vol. XXXIV P II p 574
[57] Ara: **Joseph Vella vs Anthony Bezzina et**", Appell, 20 ta' Novembru 1983
[58] *Notes on Law of Succession*, pag. 1001.

*under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased`s estate are added not only those made purely `animo donandi` but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*[59]

Ghalhekk sabiex issir il-likwidazzjoni tal-massa ereditarja li minnu jinhadem is-sehem rizervat, irid qabel xejn jigi determinat x'inhu l-attiv u x'inhu l-passiv. Il-passiv jigi determinat billi jingabru d-djun kollha li jaggravaw il-wirt. Dan l-ezercizzju jinkludi wkoll id-dejn ghal servigi.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi l-legat remuneratorju mhuwiex ghajr stqarrija tad-dejn tat-testatur ghall-hlas tas-servigi li l-persuna gratifikata tkun irrendietlu[60]. Gie diversi drabi ribadit il-principju li johrog mill-Artikolu 705 tal-Kodici Civili fis-sens illi "*sabiex legat testamentarju jista' jitqies bħala rimuneratorju, dan irid jirriżulta biċ-ċar u espressament mit-testment u mhux minn provi barranin. Irid għalhekk jirriżulta mid-dispożizzjoni testamentarja li hemm l-element ta' korrispettività u mhux sempliciment ir-rieda li tiggratifika b'att ta' liberalità.*"[61]

Madanakollu, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Michael Vella pro et noe vs Salvu Vella** inghad ukoll illi "*lanqas ma huwa konklużiv il-fatt illi fit-testment jingħad illi l-legat huwa rimuneratorju; li kieku d-dikjarazzjoni tat-testatur kienet determinanti u konklużiva, kien ikun faċli wisq għat-testatur illi jevadi d-disposizzjonijiet dwar is-sehem riżervat bil-fatt biss li jgħid illi l-legat huwa rimuneratorju. Naturalment, id-dikjarazzjonjiet tat-testatur huma element ta' prova, forsi wkoll qawwija, iżda mhux dejjem u bilfors huma biżżejjed.*"

---

[59] Op cit. pag. 1021.
[60] Ara: **Cutajar vs Xuereb et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili 6 ta' Ottubru 1951 (Kollez. Vol: XXXV.ii.484); **Dr Edoardo Cutajar MD vs Teresa Xuereb et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 6 t' Ottubru 1951; **Zerafa Angelo et vs Azzopardi Michelina**, Qorti tal-Appell, 27 ta' Marzu 2020
[61] Ara: **Frances Mizzi et vs Rose Anne Galea et**, Qorti tal-Appell, 2 ta' Mejju 2016

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Vincenza Attard vs Michelina Agius** deciza fil-31 ta' Ottubru 1952 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fissret illi:

*"Il-legat remuneratorju huwa hlas ta' dejn sakemm ma jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat u li dan ikun intiz minflok liberalita' u biex jelludi u jiddiffrawdaw d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi ghalhekk il-Qorti ghandha dejjem poter li tara jekk il-legat huwiex proporzjonat ghas-servigi prestati mil-legatarju."*

Abbazi tal-principju *reus in excipiendo fit actor*, jinkombi fuq il-konvenuti sabiex jaghmlu l-prova li l-legat imholli lilhom huwa ta' natura remuneratorja u "*jekk ma ssirx il-prova li għandhom jagħmlu l-konvenuti u l-legati għalhekk jitqiesu bħala liberalitajiet u mhux ħlas ta' dejn, dan ma jfissirx illi bilfors jitnaqqsu, għax xorta jista' jiġri li fil-wirt hemm attiv ieħor biżżejjed minnu jitħallas is-sehem riżervat, iżda dan ma jeżentax mill-ħtieġa illi ssir il-prova sabiex jista' jiġi likwidat l-assi ereditarju u jinħadem is-sehem rizervat.*"[62]

Permezz ta' tlett testmenti separati u cioe dak tad-9 ta' April 2011, dak tal-20 ta' Dicembru 2011 u dak tal-25 ta' Jannar 2013, Saverio Attard halla legat remuneratorju favur George u Doris konjugi Curmi ghal-kura, servigi u assitenza rezi lilu. Fir-rigward tal-konvenuti Curmi l-legat u prelegat lilhom imholli jikkonsisti f'erbgha porzjonijiet art f'Ta' Gokk fix-Xewkija. Dawn l-artijiet huma mmarkati bl-ittri 'A', 'B', 'C' u 'D' fuq il-pjanti annessi mat-testmenti.

Jirrizulta wkoll illi permezz tat-testment tal-25 ta' Jannar 2013 Saverio Attard halla wkoll legat favur bintu u l-konvenuta Maria Xuereb bil-kondizzjoni espressa li din tipprestalu kura, servigi u assistenza matul hajtu. F'dan il-kaz il-legat jikkonsisti f'porzjoni art, din indikata bl-ittra 'E', f'Ta' Gokk, ix-Xewkija.

Il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda li nghatat mit-tobba li ghal raguni jew ohra kienu jikkuraw lil Saverio Attard u tinnota li ghalkemm missier il-kontendenti kellu xi problemi medici, dawn ma kienu jirrikjedu ebda attenzjoni jew interventi specjali. Fir-rigward tal-kankru tal-prostata inghad illi din il-marda kienet taht kontroll billi kienet tigi somministrata injezzjoni u sas-sena 2012 din il-problema rrizolviet ruhha. Jidher ukoll illi fl-ahhar xhur ta' hajjtu Saverio Attard gie rikoverat diversi drabi fejn

[62] Ara: **Michael Vella pro et noe vs Salvu Vella**, Qorti tal-Appell, 12 ta' Frar 2016

irrizulta kien qiegħed ibgħati minn *chest infection* bħala kumplikazzjoni li tinqala' bl-eta` avvanzata. Il-Qorti tinnota li kull rikoveru ma mporta ebda spejjez għaliex ir-rikoveri saru lkoll fl-isptar pubbliku bil-kuri u medicini jingħataw mill-Gvern mingħajr ħlas għall-pazjent. Għalkemm kien hemm okkazjonijiet fejn Saverio Attard gie nvistat mit-tabib tal-familja fid-dar tal-konvenuti Curmi u għalkemm gieli attenda għal xi vizta privata, dawn l-ispejjez kienu jitħallsu mill-penzjoni li kien jgħaddi lill-konvenuti Curmi.

It-tabib tal-familja, Dr Joseph Rapa xehed illi għalkemm Saverio Attard ma kienx *bedridden*, fl-aħħar ftit xhur ta' ħajjtu huwa beda jqatta' aktar ħin fis-sodda. Fil-fatt, min-notamenti tal-isptar relattivi għal rikoveru f'Novembru 2012 jidher illi gie ndikat li Saverio Attard kien 99% *bedridden*.

Saverio Attard gie nieqes fit-30 ta' April 2013 u tista' tgħid illi ngħata l-kura fid-dar tal-intimati prattikament sal-aħħar jiem ta' ħajtu. Fil-fatt jirrizulta illi Saverio Attard gie rikoverat għall-aħħar darba fis-26 ta' April 2013 u nżamm rikoverat sakemm miet erbat ijiem wara. Jekk wieħed jezamina l-motivazzjoni wara l-legat mill-*punto di vista* tad-decujus jidher bic-car li l-legati u prelagati minnu mħollija lill-intimati Curmi kellhom forma ta' rabta kontrattwali bħal li kieku huwa kien qiegħed jixtri s-servizz ta' kura. Tant hu hekk illi fit-testmenti tad-9 ta' April 2011 u f'dak tal-20 ta' Dicembru 2011 it-testatur iddikjara li l-laxxitu favur l-intimati Curmi kien għas-servigi rezi lilu u lil martu Rita Attard matul ħajjithom kif ukoll għal dawk is-servigi li kienu għadhom iridu jirrendilhom matul ħajjithom. Għalhekk, fil-kaz ta' llum il-legati u prelegati mħollija lill-konvenuti Curmi jmorru oltre minn hekk għaliex jipprospettaw għall-futur u cioe ma kienx ħlas limitat għal dak li diga ingħata izda għal dak li kien għadu jrid jingħata fil-futur. Hawnhekk il-Qorti tikkondividi pjenament ma' dak li ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Dr Edoardo Cutajar M.D. vs Teresa Xuereb et**[63] fejn ingħad illi legat rimuneratorju mħolli għall-ħlas ta' servigi u alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b'dak il-legat jammonta għall-ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn dik il-persuna għal dawk is-servigi.

Fil-kaz ta' Maria Xuereb, dan il-laxxitu kien jipprospetta unikament għall-futur fejn il-ħlas jingħata biss jekk is-servizz jingħata skont kif mistenni mit-testatur.

[63] Prim Awla deciza 6 ta'Ottubru, 1951

Fil-konfront tal-intimati Curmi hemm il-prova li dawn bdew iduru b'Saverio Attard fis-sena 2010 u damu jduru bih sakemm miet fis-sena 2103. Matul dan iz-zmien il-konvenuti Curmi kienu jiehdu hsieb ihejju l-ikel ghal Saverio Attard, iwassluh ghal xi appuntament mediku u jghinuh fi bzonnijiet ohra bazici. Ghal xi perjodu kienu wkoll jassistuh sabiex jinhasel u jbiddlulu l-hrieqi. Madanakollu, ma jirrizultax li huwa kien marid fit-tul jew li medikament kien jehtieg kura specjalizzata jew li tirrikjedi livell kbir ta' impenn u dedikazzjoni. Lanqas ma jirrizulta illi kien dipendenti totalment fuq il-konvenuti Curmi jew li kien jehtieg xi attenzjoni partikolari u kontinwa. Ingabu wkoll provi li l-medicina kienet tinghata b'xejn mill-Gvern.

Il-konvenuta Thedora Curmi enfasizzat il-fatt li kellha taghmel sagrificcji kbar fis-sens li kellha titlaq mix-xoghol sabiex iddur bil-genituri taghha u li lanqas imqar setghu johorgu flimkien hi u l-konvenut zewgha George Curmi dan ghaliex skont hi ma kinux jafdaw lill-genituri taghha li ma jmurx jinqalghalhom xi haga fil-mument li jallargaw.

Il-Qorti ezaminat l-atti kelma b'kelma u hija konvinta li l-hin kollu li l-konvenuti Curmi qattghu ma' Saverio Attard ghamluh principlament sabiex jaghmlu l-ghassa li ma jmurx Saverio Attard ifettilu jdawwar fehimtu. F'dan ir-rigward il-Qorti qieset bir-reqqa x-xhieda tal-atturi fejn dawn jghidu li kull meta kienu jzuru lil missierhom fid-dar tal-konvenuti Curmi qatt ma kienu jithallew wehedhom ma' missierhom. Din ix-xhieda tkompli ssahhah il-fehma tal-Qorti illi l-agir tal-konvenuti Curmi kien motivat **biss** minn interess personali bl-intenzjoni specifika mhux illi jithallsu ghas-servigi izda li jassiguraw irwiehom li Saverio Attard ihalli l-eredita` tieghu lilhom u mhux lill-kontendenti l-ohra fil-kawza. Il-Qorti ghalhekk ma taqbilx illi s-servigi dovuti lill-konvenuti Curmi jammontaw ghall-valur kollu tal-artijiet imhollija lilhom b'legat ghaliex il-valur tal-artijiet jisboq bil-qabda l-valur tas-servigi rezi minnhom lil Saverio Attard. Forsi kien ghalhekk ukoll illi waqt li fix-xhieda taghha Doris Curmi semmiet dak kollu li kienet taghmel ma' missierha inkluz ukoll illi kellha titlaq mix-xoghol, madanakollu, l-konvenuti Curmi ma ressqu ebda eccezzjoni li ghandu jsir tnaqqis mill-gid tal-wirt minhabba hlas ghas-servigi dovuti lilhom. Mhux talli hekk, talli lanqas ma' ressqu prospett li juri kemm qeghdin jippretendu bhala hlas ghas-servizzi minnhom rezi lil Saverio Attard. Galadarba ma' tirrizulta ebda eccezzjoni dwar tnaqqis mill-wirt minhabba d-dejn ghal servigi il-Qorti ma tistax

tiehu konjizzjoni ta' tali pretensjonijiet li *del resto* jirrizultaw biss mix-xhieda.

In kwantu jirrigwarda lill-konvenuta Maria Xuereb, huwa ironiku kif thalla lilha legat bil-patt li din tippresta kura, servigi u assistenza lil missierha matul hajtu, meta din tinsab tirrisjedi b'mod permanenti barra mill-gzejjer Maltin. Jidher ghalhekk illi din il-legatarja kienet tinsab fl-impossibilita` assoluta illi tkun ta' xi ghajnuna ghal missierha. Mix-xhieda tal-konvenuti Curmi jirrizulta car illi l-legat thalla lilha unikament ghaliex kienet ipprestat xi ghajnuna lil missierha fil-qasir zmien li din inzertat kienet Malta fuq btala. Zgur illi din il-ftit kura jew attenzjoni li tat lil missierha matul is-soggorn qasir taghha gewwa Ghawdex ma jisthoqqx illi tigi kkumpensata bil-legat li gie mholli lilha ghaliex il-valur tal-legat jeccedi b'mod sproporzjonat ghall-ahhar is-servigi li setghet ipprestat.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-imsemmija legati m'humiex tassew ta' natura remuneratorja izda biss atti ta' liberalita` u ghalhekk ghandhom jiddahhlu lura, almenu b'mod fittizju, fil-massa ereditarja sabiex jigu kkalkolati fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat.

**Is-sehem riservat**

Stabbilit illi l-legati u prelegati m'huma xejn ghajr att ta' liberalita' imiss issa li fid-dawl tat-talbiet attrici, l-Qorti tghaddi sabiex tistabbilixxi x'inhu s-sehem rizervat u tikkwantifikah.

L-istitut tas-sehem riservat huwa regolat mill-Artikolu 615 et seq tal-Kodici Civili.

Il-*quantum* tas-sehem riservat huwa regolat permezz ta' l-Artikolu 616 li jghid hekk:

*"(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta'dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu."*

It-testatur kellu sitt (6) ulied u ghalhekk il-porzjon rizervat spettanti rispettivament lil kull wiehed mill-atturi huwa ta' sehem wiehed minn tnax (1/12).

Issa, jekk jirrizulta illi t-testatur qabez is-sehem li huwa seta' jiddisponi minnu, ai termini tal-Artikolu 647 tal-Kodici Civili, dan il-legat ghandu jigi ridott "*sa dak is-sehem, fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni*". It-tnaqqis fil-legat ghandu jsir pro rata fit-termini tal-artikolu 652 tal-Kap 16.

Il-metodu dwar kif ghandu jsir it-tnaqqis fejn jinqabez is-sehem rizervat huwa regolat permezz tal-Artikolu 648 tal-Kodici Civili li jistabbilixxi li f'dan l-ezercizzju ghandhom jigu mharsa tlett regoli u cioe:

*(a) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;*

*(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni għandhom imbagħad jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;*

*(ċ) is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jinqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj skont l-artikoli 615 sas-639*

Biex il-Qorti tillikwida s-sehem riservat l-ewwel jehtieg li ssir valutazzjoni ta' l-assi u dan ifisser illi jrid jigi stabbilit kemm kien jiswa dak il-gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iz-zmien. F'dan il-kuntest il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Dicembru 1973 fil-kawza fl-ismijiet **Emilia Maria Mifsud et vs Eleonora Mizzi et** fejn filwaqt illi ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et** tal-10 ta' Dicembru 1973, kompliet tghid hekk:

*"Kif inghad f'dik is-sentenza, kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjon legittima, li hi l-materja involuta anki f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu*

*diretta ghar-rikorstruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni."*

Madanakollu fl-istess sentenza l-Qorti kompliet tghid hekk:

*"Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" **ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni**, cioe` z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk **ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja**."*

Fis-sentenza tad-19 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Mary Anne Zammit vs Antonia Ellul**, wara li ghamlet referenza ghas-sentenza appena citata, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ziedet tghid hekk:
*"Illi l-ligi tqies il-legittima bhala parti mill-gid tal-mejjet u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (hereditatis portio) u ghalhekk il-legittimarju m'huwiex semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma huwa mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jircievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt. Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jew accetta li jkun) werriet;*

*Illi jsegwi li l-legittima trid tinghata in natura, jigifieri tkun maghmula minn kull haga mill-gid tal-mejjet li jew tkun ghadha taghmel parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew tkun iddahhlet idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalita` minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Il-legittima tinhadem fuq il-wirt kollu maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' z-zwieg), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju ikun ha minghand it-testatur, u tinghata fi proprjeta` shiha mehlusa minn kull piz jew kondizzjoni;"*

Sar appell u fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar 2005 il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell interpost mill-atturi appellanti u sahansitra ghamlet taghha il-kunsiderazzjonijiet li l-atturi ressqu ghall-gudizzju taghha. Inghad hekk:

*"Illi bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti iffraintendiet il-posizzjoni kif deciza fis-sentenzi precedenti u cioè fil-kawza "Emilia Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi" u "Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja" decizi mill-Qorti ta' l-Appell rispettivement fl-14 u 10 ta` Dicembru 1973; Fil-fatt fil-komputazzjoni tal-legittima hemm zewg stadji, l-ewwel wiehed huwa biex jigi determinat kienx hemm lesjoni tal-porzjoni tal-legittima dovuta lill-legittimarju u t-tieni wiehed fil-likwidazzjoni ta' dik il-legittima billi jigi estrapolat dak li ghandu jinghata lill-legittimarju in sodisfazzjon tad-dritt tieghu. Din id-distinzjoni tirrizulta car minn dak li rritjenew il-Qrati fil-precitati sentenzi u cioè li ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima, u ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius, wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni. Mill-banda l-ohra s-sentenzi jirritjenu li meta l-legittima ma tigiex sodisfatta u trattandosi ta' beni in natura id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatoria rei" ghandha tkun riferita ghall-zmien tal-konverzjoni, u cioè fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarji."*

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet sabiex jittrattaw dan il-punt u konsistentement irribadew illi fejn il-legittima ma tistax tigi sodisfatta in-natura dan id-dritt jinbidel fi dritt reali u cioe fi kreditu ta' flus[64], ghalhekk, il-valutazzjoni l-aktar gusta ghall-fini li tinhadem il-legittima hija l-valur li l-assi ghandhom fiz-zmien l-aktar vicin tas-sentenza[65].

Fil-kaz ta' llum il-legati u prelegati mhollija lill-konvenuti Curmi u Xuereb jikkonsistu fi proprjeta`. Anki jekk ma saritx il-prova tal-immissjoni fil-pussess, kif jirrizulta mill-atti, il-*plot* immarkat bl-ittra 'A' giet mghoddija b'att ta' donazzjoni mill-konvenuti Curmi favur binthom Lyeann Sultana, il-*plot* immarkata bl-ittra 'B' giet mghoddija minnhom b'att ta' donazzjoni favur binthom l-ohra Gabriella Galea, waqt illi l-*plot* immarkata bl-ittra 'D' giet mibjugha minnhom fil-mori ta' dan il-procediment. Jidher ghalhekk illi l-unika proprjeta` li ghad fadlilhom f'idejhom il-konvenuti Curmi hija l-*plot* immarkata bl-ittra 'C'. Zgur

---

[64] Art. 653 tal-Kap 16

[65] Ara: **Joseph Portelli pro et noe vs Rita Portelli et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, 26 ta' Settembru, 2007; **Avv Dr Chris Said no eve Mary Abela pro et noe**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Mejju 2010; **Josette D'Alessandro vs Stephanie Grech et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 24/06/2020

ghalhekk illi jekk jirrizulta li nqabez is-sehem rizervat spettanti lill-atturi mhux possibbli li dawn jigu kkumpensati in natura ghas-sehem taghhom mill-plots immarkati bl-ittra 'A', 'B' u 'D'. Fil-fatt il-konvenuti Curmi diga hadu hsieb sabiex mir-rikavat tal-bejgh tal-plot bl-ittra 'D' jikkumpensaw lill-atturi bi flus akkont ta' dak spettanti lilhom bhala s-sehem rizervat.

Il-legat imholli lill-konvenuta Curmi ukoll jikkonsisti fi proprjeta'.

In kwantu l-bqija tal-proprjeta` mhollija b'legat jew prelegat u li ghad fadal u cioe il-*plots* immarkati bl-ittri 'C' u 'D' jirrizulta mill-atti li dawn mhumiex komodament divizibbli skont kif provdut fl-artikolu 653(1) tal-Kodici Civili. Ghaldaqstant, fit-termini tal-artikolu 653(2) tal-Kap 16, il-legatarji Curmi u Xuereb ghandhom il-jedd li jhallsu s-sehem rizervat dovut lill-atturi bi flus. Minn qari tal-Artikolu 653(2), fil-kaz ta' riduzzjoni ta' legati, il-legislatur haseb li jhalli din id-decizjoni fid-diskrezzjoni assoluta tal-legatarji u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti timponi l-hlas tal-flus ladarba din l-ghazla tispetta biss lil-legatarju.

Isegwi illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha maghmulha u applikati l-insenjamenti gurisprudenzjali tal-qrati taghna, li l-Qorti tikkondividi pjenament, fejn il-kwistjoni hija prettament dwar il-likwidazzjoni tal-legittima dovuta, il-valutazzjoni ghandha tirrifletti l-valur tal-assi fid-data tal-likwidazzjoni. Ghalhekk, huwa gust u ekwu illi s-sehem rizervat tal-legittimarju jigi kalkolat abbazi tal-valutazzjoni li saret mill-perit tekniku fil-mori ta' dawn il-proceduri u dan ghaliex hija dik il-valutazzjoni li tirrifletti l-valur tal-assi fl-aktar zmien qrib illi jinghata l-pronunzjament tal-Qorti. Dan il-principju ghandu japplika wkoll ghal dawk l-artijiet li l-werrieta u cioe l-konvenuti Curmi ddisponew minnhom qabel jew fil-mori ta' dawn il-proceduri u li minnhom il-legittimarju ghandu jedd ghas-sehem rizervat billi dawn l-artijiet jifformaw parti mill-gid tad-decuius. Jinghad dan ghaliex il-legittimarju ma jista qatt jigi ppregudikat bl-agir tal-werrieta aktar u aktar meta dan l-agir ikun immirat sabiex inaqqas il-valur tal-assi u konsegwentement inaqqar mis-sehem spettanti lilu. Hekk gara fil-kaz ta' llum fejn minkejja l-fatt li l-proceduri kienu diga istitwiti u minkejja l-oggezzjoni mressqa mill-atturi, il-konvenuti xorta wahda nsistew li jbieghu il-plot immarkata bl-ittra 'D' u fil-fatt bieghuha ghall-prezz ta' €125,000 liema valur huwa ferm inqas minn dak attribwit ghal din il-porzjon art mill-perit tekniku. Dan l-agir mhu xejn hlief tentattiv iehor da parti tal-konvenuti Curmi sabiex jirriducu l-valur tal-assi u konsegwentement il-valur tas-sehem

rizervat. Biss, il-konvenuti Curmi ghandhom igorru l-piz tad-decizjoni li hadu meta bieghu l-art pendenti l-proceduri minghajr imqar stennew li ssir il-valutazzjoni tal-proprjeta` mill-perit tekniku. Dan zgur illi m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi fir-rigward tas-sehem rizervat spettanti lilhom.

**Valutazzjoni tal-assi**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti ssollevaw il-punt illi l-istima li wasal ghaliha l-perit tekniku fir-rigward tal-artijiet fi Triq Ta' Gokk fix-Xewkija ma tirriflettix il-valur gust u reali ta' din il-proprjeta'. Jghidu illi din l-istima hija bbazata fuq kejl li jintuza fil-valutazzjoni tal-proprjeta` gewwa Malta u li l-perit tekniku li ma jipprattikax gewwa Ghawdex ma hax kont tal-fatt illi l-proprjeta` gewwa Ghawdex ma ggibx l-istess valur bhal dik f'Malta. Ikomplu jghidu illi din il-valutazzjoni lanqas ma tirrifletti l-fatt illi biswit l-artijiet hemm razzett.

Dwar il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti ghandha taghti lir-rapport peritali, gie diversi drabi ribadit illi *"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti."*[66] Waqt illi skont l-Artikolu 681 tal-Kap 12 il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tekniku jekk dawn imorru kontra l-konvinzjonijiet taghha, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax tiskarata dik ir-relazzjoni b'leggerezza jew kapricc. Il-konkluzjoni tal-Qorti dwar ir-relazzjoni u konkluzjonijiet tal-espert taghha trid tkun ben infurmata, anki minn lat tekniku, u msejjsa fuq ragunijiet serjissimi li jqanqlu dubji dwar l-opinjoni teknika sottomessa[67]. Dan ifisser illi l-Qorti tista tiskarta relazzjoni teknika unikament f'cirkostanzi fejn tkun konvita li l-konkluzijiet milhuqa mill-espert taghha mhumiex gusti u korretti[68].

Inghad ukoll illi l-Qorti ghandha toqghod fuq ir-rapport tal-perit mahtur minnha aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx talbet ghan-nomina ta' periti addizzjonali[69].

---

[66] Ara: **Joseph Calleja noe vs John Mifsud**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Novembru 2001
[67] Ara: **Philip Grima vs Carmelo Mamo et noe**, Qorti ta' l-Appell, 29 ta' Mejju 1998
[68] Ara: **Cauchi vs Mercieca**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999; **Saliba vs Farrugia**, Qorti ta' l-Appell, 28 ta' Jannar 2000
[69] Ara: **Giswarda Bugeja et -vs- Emmanuele Muscat et**, Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967

Il-perit tekniku nkarigat mill-Qorti igorr warajh snin shah ta' esperjenza u jgawdi l-fiducja shiha ta' din il-Qorti tant illi matul is-snin inghata diversi nkarigi b'mod regolari minn kemm gudikanti ppresjedew din il-Qorti. Jidher ghalhekk illi ghalkemm il-Perit Grech ma jipprattikax il-professjoni fil-gzira Ghawdxija, huwa familjari sewwa mas-suq tal-proprjeta` gewwa Ghawdex. Minkejja li dan il-fatt kien certament maghruf sew ghall-partijiet kollha f'din il-kawza, il-Qorti tosserva kif fil-hin meta l-Qorti hatret l-espert tekniku l-intimati ma kkontestawx din in-nomina.

Minkejja li huwa evidenti li l-konvenuti ma kienux qeghdin jaqblu mal-istima tal-gid kif saret mill-perit tekniku, mill-atti jirrizulta illi l-konvenuti ma nqdewx bir-rimedji li taghtihom il-ligi sabiex jirribattu l-kostatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet indikati fir-rapport tekniku. Fil-fatt filwaqt illi ressqu domandi in eskussjoni, ghal liema inghatat twegiba waqt eskussjoni estensiva, il-konvenuti naqsu milli jressqu talba sabiex jinhatru periti addizzjonali. Kien imiss lill-konvenuti illi jisfruttaw kull dritt lilhom koncess sabiex jattakkaw dik l-opinjoni fil-waqt opportun izda ghal ragunijiet lilhom maghrufha ghazlu li ma jaghmlux dan.

La darba ma tressqux provi sufficjenti il-ghaliex din il-Qorti ghandha twarrab l-istima tal-perit tekniku il-Qorti sejra ghalhekk tistrih fuq il-parir tekniku tal-perit nominat minnha.

Il-valuri li nghataw ghall-proprjeta` immobbli huma s-segwenti:

1. Art Fabrikabbli, Triq Ta' Gokk, ix-Xewkija - €1,250,000
2. 5, Triq Santa Marija, Xewkija - €156,000
3. 10, Ave Maria, Triq Santa Marija, Xewkija - €140,000
4. 16, Triq il-Knisja, Xewkija - €240,000
5. Art Fabrikabbli, Sqaq Nru. 3, Triq Santa Katarina, Xewkija - €45,000

Fost l-assi formanti l-gid ta' Saverio Attard hemm ukoll id-depoziti li dan kellu mal-Banek lokali. Mix-xhieda jirrizulta illi depozitati mal-Bank of Valletta plc kien hemm is-somma ta' €72,023 waqt illi mal-HSBC Bank Malta plc kien hemm depozitata s-somma ta' €14,081.92. Il-flus ingibdu kollha u l-kontijiet inghalqu mis-sena 2010 'il quddiem. Jirrizulta inkontestat illi l-konvenuta Theodora Curmi kellha l-prokura ta' missierha u li l-preljevi saru minnha stess bis-sahha ta' dik il-prokura matul iz-zmien illi missierha kien jinsab jghix maghha. Bis-sahha tal-Artikolu 1875 tal-Kap

16, qua mandatarja ta′ missierha kien jinkombi fuq l-istess konvenuta Curmi li taghti rendikont shih ta′ dak kollu li ghamlet u rceviet bis-sahha ta′ dak il-mandat. Din il-prova ma tirrizultax. Il-konvenuta Curmi tillimita ruhha tghid li missierha kien jaghti l-flus lilha u lill-uliedha izda ma tafx f′liema ammonti ghaliex tghid li ma kinitx tghoddhom.

La darba ma tirrizultax il-prova li dawn il-flejjes ingibdu u ntuzaw esklussivament mid-decujus ghall-bzonnijiet tieghu, l-ammonti depozitati l-banek u l-imghaxxijiet fuq l-istess ghandhom jigu maghduda bhala parti mill-massa ereditarja.

**Likwidazzjoni tas-sehem rizervat**

Fl-isfond tal-premess jirrizulta li ghall-fini tal-likwidazzjoni tas-sehem riservat l-assi huma s-segwenti :

**Attiv:**

a) **€1,250,000** bhala l-valur tal-artijiet fi Triq Ta′ Gokk, fix-Xewkija;
b) **€26,000** bhala s-sehem ta′ wiehed minn sitta (1/6) tal-fond numru 5, Triq Santa Marija, Xewkija

c) **€70,000** bhala s-sehem ta′ nofs indiviz mill-fond numru 10, Ave Maria, Triq Santa Marija, Xewkija

d) **€40,000** bhala s-sehem ta′ wiehed minn sitta (1/6) tal-fond numru 16, Triq il-Knisja, Xewkija

e) **€7,500** bhala s-sehem ta′ wiehed minn sitta (1/6) tal-art fabrikabbli, Sqaq Nru. 3, Triq Santa Katarina, Xewkija

f) **€72,023** rapprezentanti flus f′depoziti mal-Bank of Valletta plc

g) **€14,081.92** rapprezentanti flus f′depoziti ma′ HSBC Bank Malta plc.

**Passiv**

Ma rrizultat ebda prova dwar djun lanqas dawk relattivi ghall-ispejjez tal-funeral.

Il-valur totali tal-gid ta' Saverio Attard jammonta ghas-somma ta' **€1,479,604.92**.

Billi kif ga inghad, fil-kaz ta' llum is-sehem rizervat mill-wirt tal-missier huwa ta' wiehed minn tnax (1/12) tal-wirt, il-valur ta' dan is-sehem jammonta ghas-somma ta' **€123,300.41**.

Huwa evidenti illi l-laxxitu massicc favur il-konvenuti Curmi kif ukoll il-laxxitu favur il-konvenuta Maria Xuereb, anki jekk f'valur li huwa inqas minn dak imholli lill-konvenuti Curmi, jaqbez is-sehem rizervat spettanti lil kull wiehed mill-atturi.

Sa fejn il-legat imholli jkun jilledi d-dritt ghas-sehem rizervat ghaliex ikun jaqbez is-sehem illi t-testatur seta' jiddisponi minnu, l-obbligu ghar-rettifikazzjoni ta' din is-sitwazzjoni ma jistrihx aktar fuq l-eredi izda fuq il-legatarju in kwistjoni[70]. Din ir-regola hija eccezzjoni ghar-regola l-ohra stabbilita permezz tal-Artikolu 939 tal-Kodici Civili li in linea generali jghid li l-werrieta bejniethom ghandhom ihallsu d-djun tal-wirt. Naturalment, l-eredi imbaghad jidhlu responsabbli ghar-rettifikazzjoni tas-sitwazzjoni in kwantu dik il-parti tal-eredita` li ma tkunx tikkonsisti f'legat.

**L-imghaxx**

L-atturi jippretendu hlas tal-imghax fuq il-valur tal-assi skont kif jipprovdi l-Artikolu 615 tal-Kap. 16.

L- Artikolu 615 tal-Kap. 16 jipprovdi hekk :-

*"(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat*

[70] Ara: (appellata – appell pendenti)

*jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

L-Art 1139 tal-Kap 16 jaqra hekk :

*"Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta', jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta` somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

Tnejn huma c-cirkostanzi li fihom il-legittimarju ghandu jedd jitlob il-hlas tal-imghaxx fuq is-sehem rizervat. Dawn iz-zewg cirkostanzi huma alternattiv ghal xulxin billi l-legislatur ghazel li juzu l-konguntiv ***jew***. L-ewwel cirkostanza tikkontempla l-hlas tal-imghax mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk kemm il-darba t-talba ghall-hlas tal-legittima ssir fi zmien sentejn minn dik id-data. Saverio Attard gie nieqes fit-30 ta' April 2013 u s-successjoni tieghu infethet b'dikjarazzjoni causa mortis tat-23 ta' Awissu 2013. Il-kawza odjerna giet intavolata b'rikors mahluf tas-26 ta' Mejju 2016 u ghalhekk ben oltre t-terminu ta' sentejn stabbilit mill-Artikolu 615.

Fit-tieni cirkostanza prevista mill-Artikolu 615, l-imghaxx jiddekkorri mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Da parti taghhom il-konvenuti m'humiex joggezzjonaw ghall-hlas tal-imghaxx izda permezz tar-raba' eccezzjoni jeccepixxu illi dan l-ammont ghandu jkun dekorribbli mid-data tan-notifika tal-att ufficcjali mhux mid-data tal-ftuh tas-successjoni ta' Saverio Attard stante illi t-talba tal-atturi ghall-hlas tas-sehem rizervat tressqet wara sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jghidu illi avvanzaw il-pretensjoni taghhom b'ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 2015 dik bin-numru ta' referenza 740/2015. Madanakollu mill-atti la tirrizulta l-ittra ufficjali u wisq anqas tirrizulta prova tan-notifika tal-istess. Kien jinkombi fuq l-atturi li jaccertaw ruhhom li tigi nserita fl-atti kopja tal-ittra ufficjali u tar-riferta relattiva. Biss, l-Artikolu 615 jitkellem dwar in-notifika ta' att ġudizzjarju minghajr ma jispecifika liema tip ta' att

gudizzjarju jinkwadra ghall-fini tal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Dan ifisser illi kull tip ta' att gudizzjarju, inkluz ir-rikors guramentat, jghodd sabiex jigi applikat l-artikolu 615. Ghalhekk, fil-kaz ta' llum l-imghaxx fuq is-sehem rizervat ghandu jigi kalkolat bhala dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat li mill-atti jidher illi giet ezegwita fl-1 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Dwar il-flus li kienu depozitati fil-bank, l-atturi wkoll jippretendu illi dawn il-flus ghandhom jintraddu fil-massa ereditarja bl-imghaxxijiet. L-Artikolu 1878 tal-Kap 16 jipprovdi illi l-mandatarju ghandu jhallas l-imghaxx fuq dawk is-somom kollha li jkun uza ghall-bzonnijiet tieghu minghajr il-kunsens tal-mandant bl-imghaxx dekorribbli bir-rata kummercjali "*minn dak in-nhar li jkun hekk inqeda bihom*".

Billi ma saritx il-prova ta' kif intefqu l-flus u jekk in-nefqa saritx fuq struzzjonijiet tal-mandant, il-Qorti tqis bhala siewi l-argument tal-atturi li fuq dawk is-sommon ghandhom jedd ghall-hlas tal-imghaxx. Ghall-fini ta' pratticita il-Qorti sejra tikkalkula l-ammonti kollha dovuti bhala imghaxx fuq il-flus li kien hemm depozitati l-bank. Dan l-ezercizzju ser jinvolvi komputazzjoni li tmur lura mid-data ta' meta inghalqu l-kontijiet relattivi sal-1 ta' Gunju 2016 u cioe dik id-data li kif fuq inghad hija d-data ta' meta sehhet in-notifika tal-att gudizzjarju li bih l-atturi talbu formalment il-hlas tas-sehem rizervat spettanti lilhom. Dan l-ammont li sejjer jigi likwidat ghandu mbaghad jinghadd mal-ammont stabbilit bhala li jirrapprezenta l-valur tas-sehem rizervat u fuq dan l-ammont komplessivament ikkaptilazzat ghandhom imbaghad jiddekorru l-imghaxxijiet fit-termini tal-Artikolu 615 li kif diga' inghad huma dekorribbli bir-rata ta' 8% mid-data tal-1 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Mill-*istatements* bankarji pprezentati fl-atti jirrizulta illi f'dati differenti fis-sena 2012 Theodora Curmi gibdet is-somma komplessiva ta' €61,384.47. Minn din is-somma l-atturi ghandhom is-sehem ta' wiehed minn tnax (1/12) kull wiehed u cioe €5,115.37. Dan ifisser illi l-imghax fuq din is-somma bir-rata ta' 8% mis-sena 2012 sal-1 ta' Gunju 2016 jammonta ghal-€1,808.80[71].

Jirrizulta wkoll illi f'Lulju tas-sena 2016 Theodora Curmi gibdet is-somma ta' €10,638.53. Galadarba din is-somma giet zbankata wara l-ftuh tal-

[71] €61,384.47 ÷ 12 = €5,115.37 x 8% = €409.23 x 4.42 (pro rata rapprezententi 4 snin u 5 xhur dekorsi mis-sena 2012 sal-1 ta' Gunju 2016) = €1,808.80

proceduri odjerni ma hemmx lok li jigi likwidat l-ammont dovut bhala imghax ghaz-zmien qabel dik id-data.

Mill-ammonti depozitati mal-HSBC Bank Malta plc, fit-2 ta' Settembru 2010 giet zbankata s-somma ta' €6,988.12. Is-sehem rispettiv ta' kull wiehed mill-atturi minn din is-somma huwa ta' wiehed minn tnax (1/12) u cioe €582.34. Ghalhekk, l-imghaxx bir-rata ta' 8% minn Settembru 2010 sal-1 ta' Gunju 2016 jammonta ghal €267.89[72].

Fl-4 ta' April 2011 mill-HSBC Bank Malta plce gie zbankata wkoll is-somma ta' €7,093.80. Dan ifisser illi l-imghax fuq din is-somma jammonta ghal €248.28[73].

Dan ifisser illi l-imghax komplessivament maghdud u dovut lil kull wiehed mill-atturi huwa fl-ammont ta' **€2324.97**. Ghal dan l-ammont ghandha taghmel tajjeb Theodora Curmi personalment stante illi l-flus li fuqhom gie kkapitalizzat l-imghax ingibdu minnha stess.

**Assenjazzjoni tal-ammont likwidat**

Illi ghalhekk, in rikapitulazzjoni, l-ammont dovut lil kull wiehed mill-atturi bhala s-sehem rizervat spettanti lilhom huwa ta' **€123,300.41 jew is-sehem ta' wiehed minn tnax (1/12) kull wiehed fuq il-massa ereditarja kollha**.

Fil-kaz in dizamina jirrizulta li l-massa ereditarja ta' Saverio Attard tikkosisti fi proprjeta` li giet imhollija b'legat u gid iehor li thalla b'wirt lill-eredi kollha. Waqt illi l-legatarji ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-hlas tas-sehem rizervat fuq dik il-parti tal-legat, il-werrieta ghandhom jaghmlu tajjeb ghas-sehem rizervat fuq il-bqija tal-gid. Il-Qorti sejra ghalhekk taqsam u tiddistingwi bejn dak illi ghandu jintradd mil-legatarji u dak li jrid jintradd mill-eredi.

**a) Is-sehem li jrid jintradd mill-konvenuti Curmi**.

Il-perit tekniku jistma dawn l-artijiet bhala li ghandhom valur komplessiv ta' €1,250,000. Fl-ebda parti tar-relazzjoni jew tal-eskussjoni ma gie ndikat mill-perit il-valur individwali ta' kull wahda mill-*plots*. Ghalhekk, la

[72] €6988.12 ÷ 12 = €582.34 x 8% = €46.59 x 5.75 (pro rata rapprezentanti 5 snin u 9 xhur dekorsi minn Settembru 2010 sal-1 ta' Gunju 2016) = €267.89
[73] €7,093.80 ÷ 12 = €591.15 x 8% = €47.29 x 5.25(pro rata rapprezentanti 5 snin u 3 xhur dekorsi minn April 2011 sal-1 ta' Gunju 2016) = €248.28

darba din l-art hija maqsuma f'hames *plots* il-Qorti sejra tiddividi l-valur komplessiv ta' din l-art ugwalment bejn il-hames *plots*. Dan ifisser illi kull plot ghandha valur ta' €250,000.

Il-legat favur il-konvenuti Curmi jikkonsisti f'erbgha (4) *plots* li tlieta minnhom diga gew assenjati b'donazzjoni jew inbieghu. Il-valur ta' dawn it-tlett *plots* iwassal ghat-total ta' €750,000.

In kwantu si tratta limitatament dwar dawn it-tlett *plots*, huwa evidenti illi la darba dawn m'ghadhomx fil-proprjeta` tal-konvenuti Curmi, l-istess konvenuti m'ghandhom ebda triq ohra ghajr illi jikkumpensaw lill-atturi ghas-sehem rispettiv spettanti lilhom bi flus.

Il-konvenuti Curmi bieghu il-*plot* immarkata bl-ittra 'D' ghall-prezz ta' €125,000 u dan ir-rikavat thallas lill-atturi fi kwoti ndaqs bejniethom fl-ammont ta' €62,500 kull wiehed akkont ta' sehemhom. Dan l-ammont diga' gie zbankat mill-atturi minghajr pregudizzju ghat-talbiet taghhom. B'hekk is-sehem rizervat spettanti lil kull wiehed mill-atturi fuq il-*plots* immarkati bl-ittri 'A', 'B' u 'D' diga thallas ghas-saldu.

Dwar il-pretensjoni tal-imghax fuq din il-parti tas-sehem tal-atturi, il-Qorti tqis illi la darba dan l-ammont diga gie zbankat, il-konvenuti Curmi ghandhom ihallsu l-interessi li ddekorrew fuq dak l-ammont bir-rata ta' 8% ghaz-zmien bejn l-1 ta' Gunju 2016 u d-data meta sar l-izbank.

Jibqa' ghalhekk sabiex l-atturi jigu kkumpensati ghas-sehem taghhom fuq il-valur tal-*plot* immarkata bl-ittra 'C' u li sa llum ghadha f'idejn il-konvenuti Curmi. Il-valur ta' din il-plot huwa ta' €250,000 li minnu jispetta lil kull wiehed mill-atturi s-sehem ta' wiehed minn tnax (1/12) ekwivalenti dan ghas-somma ta' **€20,833.33** bl-imghaxx bir-rata ta' 8% dekorribbli mill-1 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 653(2) tal-Kap 16, jispetta lil-legatarji sabiex jaghzlu jekk ihallsux dan is-sehem billi jassenjaw is-sehem ta' wiehed minn tnax (1/12) minn din il-proprjeta` lil kull wiehed mill-atturi inkella jekk ihallsuhomx fi flus ghas-sehem taghhom fl-ammont likwidat. Madanakollu, fic-cirkostanzi, tenut kont tas-sehem relattivament ckejken illi ghandhom kull wiehed mill-atturi u tenut kont ukoll tal-fatt illi l-*plot* in kwistjoni mhijiex komodament divizibbli, hija l-fehma tal-Qorti li fl-ahjar interess tal-gustizzja u b'sens ta' ekwita' ghad-drittijiet tal-atturi,

ikun aktar ghaqli jekk dan is-sehem jithallas fi flus. Biss, abbazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 653(2) tal-Kap 16, il-Qorti sejra thalli din l-ghazla f'idejn il-legatarji konvenuti Curmi.

**b) Is-sehem li jrid jintradd minn Theodora Curmi**

Galadarba ghar-ragunijiet aktar 'il fuq imfissra, gie stabbilit illi l-flus kollha li kien hemm depozitati fil-banek lokali ingibdu minn Theodora Curmi, din il-konvenuta ghandha ggor ir-responsabilita` ta' ghemilha. L-ammont komplessivament zbankat huwa ta' €86,104.92. Minn dan l-ammont l-atturi ghandhom jedd ghas-sehem ta' wiehed minn tnax (1/12) kull wiehed u cioe ghas-somma ta' **€7,175.41** kull wiehed.

Kif diga' inghad u komputat, Theodora Curmi ghandha thallas l-ammont ta' **€2324.97** likwidata din is-somma bhala imghaxijiet fuq depoziti bankarji sottratti mill-istess konvenuta Curmi. Din is-somma hija dovuta lil kull wiehed mill-atturi.

Ghaldaqstant, il-konvenuta Theodora Curmi ghandha thallas lil kull wiehed mill-atturi s-somma komplessiva ta' **€9,500.38** oltre l-imghax bir-rata ta' 8% mid-data tal-1 ta' Gunju 2016[74] sad-data tal-pagament effettiv.

**c) Is-sehem illi jrid jintradd mill-konvenuta Maria Xuereb**

Maria Xuereb irceviet b'legat il-*plot* immarkata bl-ittra 'E'. Ghar-ragunijiet premessi fil-paragrafu (a) aktar 'il fuq, il-Qorti qeghda tattribwixxi lil din il-*plot* il-valur ta' €250,000.

Is-sehem rizervat spettanti lill-atturi minn din il-proprjeta` huwa ta' sehem wiehed minn tnax (1/12) kull wiehed. Dan is-sehem ghandu valur ta' **€20,833.33** bl-imghax bir-rata ta' 8% dekorribbli mill-1 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

In kwantu si tratta dwar l-assenjazzjoni ta' dan is-sehem, a skans ta' ripetizzjonijiet inutli, il-Qorti sejra terga tirreferi ghar-ragunament espost minnha fil-paragrafu (a) hawn fuq, liema ragunament ghandu japplika

[74] Din id-data tirrifletti d-data ta' meta giet ezegwita n-notifika tal-att gudizzjarju skont kif imfisser ahjar taht il-kap tas-sentenza intitolat 'L-imghaxx'.

*mutatis mutandis* in kwantu s-sehem illi l-konvenuta Maria Xuereb hija obbligata li tassenja lil kull wiehed mill-atturi.

**d) Is-sehem li jrid jintradd mill-werrieta kollha**

Il-gid ta' Saverio Attard jirrizulta illi jikkonsisti wkoll fis-segwenti:

a) **€26,000** bhala s-sehem ta' wiehed minn sitta (1/6) tal-fond numru 5, Triq Santa Marija, Xewkija

b) **€70,000** bhala s-sehem ta' nofs indiviz mill-fond numru 10, Ave Maria, Triq Santa Marija, Xewkija

c) **€40,000** bhala s-sehem ta' wiehed minn sitta (1/6) tal-fond numru 16, Triq il-Knisja, Xewkija

d) **€7,500** bhala s-sehem ta' wiehed minn sitta (1/6) tal-art fabrikabbli, Sqaq Nru. 3, Triq Santa Katarina, Xewkija

Mill-ishma li Saverio Attard kellu fil-proprjetajiet hawn fuq deskritti, kull wiehed mill-atturi ghandu s-sehem rizervat ta' wiehed minn tnax (1/12) li abbazi tal-valutazzjoni teknika dan is-sehem ghandu valur ta' **<u>€11,958.33</u>**.

Din is-somma ghandha tithallas bl-imghax bir-rata ta' 8% dekorribbli mill-1 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv. Dan l-ammont ghandu jithallas fi kwoti ugwali mill-werrieta kollha u cioe mill-konvenuti ahwa Attard lil kull wiehed mill-atturi.

Peress illi din il-proprjeta` mhijiex komodament divizibbli, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-atturi jissuggerixxu li din il-proprjeta` tinbiegh bl-irkant sabiex mir-rikavat l-atturi jkunu jistghu jithallsu ghas-saldu tas-sehem rizervat mill-wirt ta' missierhom.

Il-bejgh b'licitazzjoni huwa regolat bl-artikolu 515 et sequitur tal-Kodici Civili. L-Artikolu 515 jahseb ghal sitwazzjoni fejn il-proprjeta` mhijiex komodament divizibbli. L-Artikolu 517 imbaghad jistabbilixxi meta ghandhom jigu ammessi l-oblaturi estranei mentri l-Artikolu 518 jirregola l-bejgh bis-setgha tal-Qorti.

Il-ligi tippermetti l-bejgħ bl-irkant f'dawk ic-cirkostanzi fejn is-sidien kollha jaqblu dwar dan. Madanakollu, jekk il-bejgħ b'licitazzjoni jigi ordnat b'sentenza tal-Qorti, il-procedura li trid tigi segwita hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

Mir-rapport tekniku jirrizulta li l-perit ta biss deskrizzjoni tal-proprjetajiet u l-valur taghhom. Imkien ma tirrizulta dikjarazzjoni dwar jekk il-proprjeta` hix komodament divizibbli. Jista' jaghti l-kaz illi dan huwa dovut ghall-fatt illi fl-inkarigu moghti lilu l-perit tekniku ma giex mitlub jaghmel xi dikjarazzjoni f'dan is-sens. Il-Qorti tinnota illi din il-kwistjoni laqas ma jidher li giet trattata waqt l-eskussjoni jew f'xi stadju iehor tal-proceduri.

Wara li qieset l-ishma li Saverio Attard ghandu fil-proprjetajiet hawn fuq imsemmija, qieset ukoll id-daqs tal-proprjeta` u d-deskrizzjoni tal-istess kif tirrizulta mir-relazzjoni teknika, il-Qorti ssib illi din il-proprjeta' mhijiex komodament divizibbli. Il-Qorti sejra ghalhekk tordna illi s-sehem ta' Saverio Attard fil-proprjetajiet imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-paragrafu ghandhom jinbieghu bil-licitazzjoni u mir-rikavat jithallas is-sehem spettanti lil kull wiehed mill-atturi. Il-bejgh ghandu jsir skont il-proceduri stabbiliti fil-ligi b'dan illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 521(1) tal-Kap 16 il-bejgh tas-sehem li Saverio Attard kellu f'kull wahda mill-proprjetajiet ghandu jsir skont il-valuri moghtija mill-perit tekniku. Kull parti jkollha d-dritt li titlob li l-barranin jigu mistiedna sabiex joffru fil-bejgh b'avviz mahrug f'gurnal lokali wiehed minn ta' l-anqas tminn t'ijiem qabel il-jum tal-bejgh.

**Il-Wirt ta' Rita Attard**

Permezz tat-talba numru hamsa (5) l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex tillikwida l-assi ta' Rita Attard u taqsam dan il-gid f'sitt porzjonijiet ugwali u tassenjahom parti minn sitta (1/6) kull wiehed lill-ahwa Attard. Il-konvenuti ma kkontestawx din it-talba anzi esprimew il-qbil taghhom li ssir id-divizjoni tal-assi ereditarji ta' Rita Attard.

**Il-Konsistenza tal-Assi**

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-assi ta' Rita Attard huma dawn:

1) Is-sehem indiviz ta' hamsa minn sitta (5/6) tal-fond numru hamsa (5), Triq Santa Marija, ix-Xewkija;

2) Is-sehem ta' nofs indiviz mill-fond numru ghaxra (10), Triq Santa Marija, ix-Xewkija;

3) €6,825.10 f'depoziti mal-Bank of Valletta plc.

**Il-Valutazzjoni**

Is-sehem ta' Rita Attard mill-proprjeta' de quo gie stmat mill-perit tekniku bhala li ghandu dan il-valur:

1) **€130,000** bhala l-valur ta' sehem indiviz ta' hamsa minn sitta (5/6) tal-art fabrikabbli fl-indirizz numru hamsa (5), Triq Santa Marija, ix-Xewkija;
2) **€70,000** bhala l-valur ta' sehem ta' nofs indiviz mill-fond numru ghaxra (10), Triq Santa Marija, ix-Xewkija.

**Il-Likwidazzjoni**

Dwar il-flus depozitati mal-Bank of Valletta plc, dan il-kont jidher illi nghalaq fit-13 ta' Settembru 2012. L-izbank tal-flus sar minn Theodora Curmi bis-sahha tal-prokura li kellha. Dak iz-zmien Rita Attard kienet diga tinsab tghix fid-dar tal-anzjani Dar Sant'Anna u ma jirrizultax li kellha xi spejjez importanti li ghalihom kellha bzonn li tingibed dik is-somma flus kollha. Kif diga' inghad, kien jinkombi fuq Theodora Curmi li qua mandatarja tal-genituri taghha ggib il-prova dwar x'sar b'dawk il-flus u bl-awtorita` ta' min gew zbankati. Din il-prova ma tirrizulax mill-atti u allura l-konvenuta Curmi trid iggor ir-responsabilita` li jgib mieghu il-mandat u cioe mhux biss ir-rifuzjoni tal-flus izda wkoll l-imghaxx fuq is-somma.

Is-sehem ta' kull wiehed mill-werrieta ahwa Attard huwa ta' wiehed minn sitta (1/6) kull wiehed. Dan ifisser illi mis-somma ta' €6825.10 dawn ghandu jmisshom €1,137.52 kull wiehed. Fuq din is-somma ghandhom jithallsu wkoll l-imghaxxijiet dekorribbli bir-rata ta' 8% dekorribbli mit-13 ta' Settembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

Permezz tat-talba numru sebgha (7), l-atturi qeghdin jitolbu l-bejgh b'licitazzjoni fil-kaz ta' dik il-proprjeta` li tirrizulta mhix komodment divizibbli.

F'dan ir-rigward, u limitatament in kwantu ghall-procedura tal-bejgh bil-licitazzjoni il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kunsiderazzjonijiet minnha maghmulha meta trattat il-kwistjoni tal-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta` li tappartjeni lil Saverio Attard[75].

Fatti dawn l-osservazzjonijiet, tenut kont tad-deskrizzjoni tal-proprjetajiet in kwistjoni inkluz id-daqs, hekk kif moghtija mill-perit tekniku fir-rapport tieghu jidher bic-car illi l-proprjetajiet mhumiex komodament divizibbli. Ghaldaqstant, fl-interess tal-partijiet kollha, ikun aktar ghaqli jekk il-proprjetajiet formanti l-assi ta' Rita Attard jinbieghu bil-licitazzjoni u r-rikavat jinqasam f'sitt kwoti ugwali b'kull wiehed mill-werrieta jiehu s-sehem tieghu ta' wiehed minn sitta (1/6) mir-rikavat. Il-bejgh ghandu jkun regolat mill-proceduri stabbiliti fil-ligi b'dan illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 521(1) tal-Kap 16 il-bejgh tas-sehem li Rita Attard kellha f'kull wahda mill-proprjetajiet hawn fuq imsemmija ghandu jsir skont il-valuri moghtija mill-perit tekniku.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi qieghda taqta' u tiddeciedi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

2. **Tilqa' l-ewwel talba** tal-atturi u waqt illi tiddikjara li l-beni formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Saverio u Rita Attard kienet tikkonsisti fid-dar matrimonjali fl-indirizz numru ghaxra (10), Triq Santa Marija, ix-Xewkija tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet u tassenja s-sehem ta' nofs indiviz minn dan il-fond lill-assi partikolari ta' Saverio Attard u s-sehem ta' nofs indiviz minn dan il-fond lill-assi partikolari ta' Rita Attard.

3. **Tilqa' t-tieni (2) u t-tielet (3) talba**, u filwaqt illi tiddikjara l-assi erderitarji ta' Saverio Attard bhala konsistenti minn dawk l-assi li

[75] Ara l-paragrafu (d) taht il-kap ta' din is-sentenza intitolat 'L-ammont likwidat'.

jinsabu elenkati fit-taqsima ta' din is-sentenza ntitolata 'Il-Wirt ta' Saverio Attard – Il-Konsistenza tal-Assi', tillikwida l-assi ereditarji u s-sehem rizervat skont kif imfisser fil-kap ta' din is-sentenza intestata 'Likwidazzjoni tas-sehem rizervat'.

4. **Tilqa' r-raba' (4) talba** u tordna l-assenjazzjoni tas-sehem rizervat skont kif indikat u mfisser dettaljatament fit-taqsima ta' din is-sentenza intestata 'Assenjazzjoni tal-ammont likwidat'.

5. **Tilqa' l-hames (5) talba** u filwaqt illi tiddikjara l-assi ereditarji ta' Rita Attard bhala konsistenti minn dawk l-assi li jinsabu elenkati fit-taqsima ta' din is-sentenza ntitolata 'Il-Wirt ta' Rita Attard – Il-Konsistenza tal-Assi', tillikwida l-assi ereditarji skont kif imfisser fit-taqsima ta' din is-sentenza intestata 'Il-Likwidazzjoni'.

6. **Tilqa' t-talba numru sitta (6)** u tinnomina lin-Nutar Dottor Enzo Dimech sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment tal-proprjeta` li l-Qorti sejra tordna l-bejgh taghha bil-licitazzjoni u tinnomina lill-Avukat Dottor Jonathan Mintoff sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att.

   Tkompli tipprovdi billi f'kaz ta' bzonn tinnomina lin-Nutar Dottor Enzo Dimech sabiex jircievi u jippubblika l-att ta' divizjoni u assenjazzjoni u tinnomina lill-Avukat Dottor Jonathan Mintoff sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att.

7. **Tilqa' t-talba numru sebgha (7)** u riferibbilment ghall-proprjeta` li minnha ghandu sehem Saverio Attard tordna li jsir il-bejgh bil-licitazzjoni skont kif imfisser fil-paragrafu (d) fit-taqsima ta' din is-sentenza intitolata 'Assenjazzjoni tal-ammont likwidat' u li wara li jithallsu l-ispejjez tal-bejgh u t-taxxi, r-rikavat jinqasam skont kif imfisser fil-paragrafu (d) fit-taqsima ta' din is-sentenza intitolata 'Assenjazzjoni tal-ammont likwidat'.

   Tkompli tipprovdi dwar it-talba numru sebgha (7) billi riferibbilment ghall-proprjeta` li minnha ghandha sehem Rita Attard tordna li jsir il-bejgh bil-licitazzjoni skont kif imfisser fit-taqsima ta' din is-sentenza intestata 'Il-Likwidazzjoni' u li wara li jithallsu l-ispejjez tal-bejgh u t-taxxi, r-rikavat jinqasam skont kif imfisser fit-taqsima ta' din is-sentenza intestata 'Il-Likwidazzjoni'.

L-ispejjez tal-kawza relattivi ghall-assenjazzjoni tas-sehem rizervat mill-wirt ta' Saverio Attard, inkluz l-ispejjez tal-bejgh bil-licitazzjoni tal-assi partikolari ta' Saverio Attard ghandhom jithallsu mill-intimati waqt illi dawk konnessi mal-bejgh bl-irkant u mal-pubblikazzjoni tal-kuntratti relattivi ghal-qsim tal-wirt ta' Rita Attard ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Dorianne Cordina
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur